ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 327

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 51**

**5 ta' Diċembru 2008**

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1207/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità** ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1208/2008 ta' l-4 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 3

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1209/2008 ta' l-4 ta' Diċembru 2008 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur tazzokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 ........ 5

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2008/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi** ([1]) ........ 7

★ **Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija** ........ 9

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/903/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-Konfederazzjoni Svizzera** ........ 15

2008/904/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 li taħtar membru Olandiż u żewġ membri supplenti Olandiżi tal-Kumitat tar-Reġjuni** ........ 18

2008/905/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 li temenda l-Anness 13 tal-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar kif jimtlew stikers tal-viża** ........ 19

2008/906/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 li taħtar żewġ membri Daniżi u żewġ membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni** ........ 21

**Kummissjoni**

2008/907/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Novembru 2008 li tistabilixxi garanziji ta' saħħa għat-trasport ta' ekwidi minn pajjiż terz għal ieħor skond l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 91/496/KEE** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6296)* [1] ........ 22

2008/908/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2008 li tawtorizza ċerti Stati Membri jirrevedu l-programm annwali tagħhom ta' monitoraġġ tal-BSE** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7288)* ........ 24

---

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA' L-UE

★ **Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea** 27

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 93/92/KEE tad-29 ta' Ottubru 1993 li għandha x'taqsam ma' l-ispazju għall-immuntar tal-pjanca tar-registrazzjoni ta' wara ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti (ĠU L 311, 14.12.1993) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 07 Volum 002 p. 119-193)** ........ 47

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1207/2008

**tat-28 ta’ Novembru 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità**

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 37 u 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 tat-30 ta’ Marzu 2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fl-aktar reġjuni periferiċi tal-Komunità [2] jippermetti derogi mill-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta’ l-20 ta’ Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta’ riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [3]. Dak l-Artikolu jistabbilixxi skema ġenerali li tamministra d-dħul u l-ħruġ mill-flotta.

(2) L-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 639/2004 jiffissa l-perjodu ta’ validità tad-deroga mill-iskema tad-dħul u l-ħruġ għall-bastimenti li jkunu rċevew għajnuna pubblika għat-tiġdid. Dan il-perjodu kien oriġinarjament limitat għall-31 ta’ Diċembru 2007 u mbagħad ġie estiż sal-31 ta’ Diċembru 2008 wara l-qbil politiku milħuq fil-Kunsill fid-19 ta’ Ġunju 2006 rigward il-Fond Ewropew għas-Sajd.

(3) L-att tal-Kummissjoni li jippermetti lill-Istati Membri kkonċernati biex jagħtu għajnuna mill-Istat kien adottat aktar tard milli kien mistenni. Minħabba l-fatt li t-tarzni interessati għandhom kapaċità limitata, l-implimentazzjoni sħiħa tal-qbil politiku milħuq fil-Kunsill fid-19 ta’ Ġunju 2006 ma jistax jiġi garantit qabel id-data tal-31 ta’ Diċembru 2008.

(4) Għalhekk huwa xieraq li l-iskadenza għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 639/2004 tiġi estiża sa l-2011.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 639/2004 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 639/2004 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 m il-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

   “5. Minkejja l-paragrafu 3 hawn fuq, għall-bastimenti tas-sajd li jkunu rċevew għajnuna pubblika għat-tiġdid, id-deroga fil-paragrafu 1(a) hawn fuq ma tibqax tapplika tliet snin wara li tkun ingħatat l-għajnuna pubblika għat-tiġdid u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2011.”.

2. L-Artikolu 6 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

   “*Artikolu 6*

   **Rappurtaġġ**

   Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mit-30 ta’ Ġunju 2012.”.

---

(1) Opinjoni mogħtija fil-21 ta’ Ottubru 2008 (għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) ĠU L 102, 7.4.2004, p. 9.

(3) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1208/2008**

**ta' l-4 ta' Diċembru 2008**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 67,0 |
| | TR | 79,7 |
| | ZZ | 73,4 |
| 0707 00 05 | JO | 167,2 |
| | MA | 60,3 |
| | TR | 89,0 |
| | ZZ | 105,5 |
| 0709 90 70 | JO | 230,6 |
| | MA | 79,8 |
| | TR | 87,5 |
| | ZZ | 132,6 |
| 0805 10 20 | BR | 44,6 |
| | MA | 68,4 |
| | TR | 54,6 |
| | UY | 34,6 |
| | ZA | 43,6 |
| | ZW | 43,5 |
| | ZZ | 48,2 |
| 0805 20 10 | MA | 64,3 |
| | TR | 65,0 |
| | ZZ | 64,7 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | AR | 62,9 |
| | HR | 49,2 |
| | IL | 85,6 |
| | TR | 58,9 |
| | ZZ | 64,2 |
| 0805 50 10 | MA | 64,0 |
| | TR | 57,7 |
| | ZA | 79,4 |
| | ZZ | 67,0 |
| 0808 10 80 | CA | 89,4 |
| | CL | 67,1 |
| | CN | 80,0 |
| | MK | 34,8 |
| | US | 107,7 |
| | ZA | 113,0 |
| | ZZ | 82,0 |
| 0808 20 50 | AR | 73,4 |
| | CL | 48,4 |
| | CN | 41,3 |
| | TR | 110,3 |
| | US | 122,0 |
| | ZZ | 79,1 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1209/2008

## ta' l-4 ta' Diċembru 2008

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1149/2008 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan mmodifikati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.
([4]) ĠU L 309, 20.11.2008, p. 3.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-5 ta' Diċembru 2008**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 23,24 | 4,68 |
| 1701 11 90 (1) | 23,24 | 9,91 |
| 1701 12 10 (1) | 23,24 | 4,49 |
| 1701 12 90 (1) | 23,24 | 9,48 |
| 1701 91 00 (2) | 25,79 | 12,35 |
| 1701 99 10 (2) | 25,79 | 7,82 |
| 1701 99 90 (2) | 25,79 | 7,82 |
| 1702 90 95 (3) | 0,26 | 0,39 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2008/103/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tad-19 ta' Novembru 2008**

**li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2006/66/KE ([3]) għandu jiġi ċċarat sabiex il-batteriji u l-akkumulaturi li tqiegħdu fis-suq legalment fi kwalunkwe parti tal-Komunità qabel is-26 ta' Settembru 2008 u li mhumiex konformi ma' dik id-Direttiva jistgħu jibqgħu fis-suq fil-Komunità wara din id-data. Din il-kjarifika tagħti ċ-ċertezza legali fir-rigward ta' batteriji li jkunu tqiegħdu fis-suq fil-Komunità u tiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Il-kjarifika hija konsistenti mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni ta' l-iskart u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

(2) Id-Direttiva 2006/66/KE għalhekk għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emenda għad-Direttiva 2006/66/KE**

L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2006/66/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li batteriji jew akkumulaturi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ma jitqiegħdux fis-suq wara s-26 ta' Settembru 2008.

Batteriji u akkumulaturi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u li jitqiegħdu fis-suq wara din id-data għandhom jiġu rtirati mis-suq."

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-5 ta' Jannar 2009.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

([1]) Opinjoni mogħtija fid-9 ta' Lulju 2008 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2008.
([3]) ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 19 ta' Novembru 2008.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
H.-G. PÖTTERING

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-P. JOUYET

# DIRETTIVA 2008/104/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Novembru 2008

## dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 137(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tikkonforma mal-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ([3]). B'mod partikolari, hija mfassla biex tiżgura konformità sħiħa ma' l-Artikolu 31 tal-Karta, li jipprevedi li kull ħaddiem għandu d-dritt għal kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu, u għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perijodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perijodu annwali ta' leave imħallas.

(2) Il-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tipprevedi fil-punt 7 tagħha, inter alia, li t-tlestija tas-suq intern għandha twassal għal titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol u ta' l-għixien tal-ħaddiema fil-Komunità Ewropea; dan il-proċess jintlaħaq billi jkun armonizzat il-progress rigward dawn il-kondizzjonijiet, l-aktar rigward forom ta' xogħol bħax-xogħol b'kuntratt għal żmien definit, xogħol part-time, xogħol temporanju permezz ta' aġenzija u xogħol staġunali.

(3) Fis-27 ta' Settembru 1995 il-Kummissjoni kkonsultat lil min imexxi u lill-ħaddiema fil-livell Komunitarju skond l-Artikolu 138(2) tat-Trattat dwar l-azzjoni li għandha tiġi adottata fil-livell Ewropew fir-rigward tal-flessibbiltà tas-sigħat tax-xogħol u s-sigurtà ta' l-impjieg tal-ħaddiema.

(4) Wara dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni qieset li kienet irrikmandata azzjoni Komunitarja u fid-9 ta' April 1996 kkonsultat ulterjorment lil min imexxi u lill-ħaddiema skond l-Artikolu 138(3) tat-Trattat dwar il-kontenut tal-proposta prevista.

(5) Fl-introduzzjoni tal-ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien definit konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, il-firmatarji indikaw l-intenzjoni tagħhom li jqisu l-ħtieġa għal ftehim simili dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija u ddeċidew li ma jinkludux il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija fid-Direttiva dwar ix-xogħol għal żmien definit.

(6) L-organizazzjonijiet trans-settorjali ġenerali, jiġifieri l-Unjoni tal-Konfederazzjonijiet Industrijali u ta' Min Iħaddem fl-Ewropa (UNICE) ([4]), iċ-Ċentru Ewropew ta' l-Intrapriżi b'Parteċipazzjoni Pubblika u ta' Intrapriżi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (CEEP) u l-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC), infurmaw lill-Kummissjoni f'ittra konġunta tad-29 ta' Mejju 2000, bix-xewqa tagħhom li jagħtu bidu għall-proċess previst fl-Artikolu 139 tat-Trattat. Permezz ta' ittra konġunta oħra tat-28 ta' Frar 2001 huma talbu lill-Kummissjoni biex testendi l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 138(4) b'xahar. Il-Kummissjoni laqgħet din it-talba u estendiet l-iskadenza għan-negozjati sal-15 ta' Marzu 2001.

(7) Fil-21 ta' Mejju 2001, l-imsieħba soċjali rrikonoxxew li n-negozjati tagħhom dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija ma waslu għall-ebda ftehim.

(8) F'Marzu 2005, il-Kunsill Ewropew ikkunsidra vitali t-tnedija mill-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Lisbona u l-iffukar mill-ġdid tal-prijoritajiet tagħha dwar it-tkabbir u l-impjiegi. Il-Kunsill approva l-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi 2005-2008, li għandhom l-għan, inter alia, li jippromwovu l-flessibbiltà flimkien mas-sigurtà ta' l-impjieg u li jnaqqsu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'konsiderazzjoni debita tar-rwol ta' l-imsieħba soċjali.

([1]) ĠU C 61, 14.3.2003, p. 124.
([2]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2002 (ĠU C 25 E, 29.1.2004, p. 368), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2008 u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2008 (għandha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.
([4]) UNICE biddlet isimha għal BUSINESSEUROPE f'Jannar 2007.

(9) F'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Aġenda Soċjali li tkopri l-perijodu sa l-2010, li ntlaqet mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2005 bħala kontribut lejn il-kisba ta' l-objettivi ta' l-Istrateġija ta' Lisbona billi jiġi rrinfurzat il-mudell soċjali Ewropew, il-Kunsill Ewropew ikkunsidra li forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol u diversità akbar ta' l-arranġamenti kuntrattwali għall-ħaddiema u l-impriżi, li jikkombinaw aħjar il-flessibbiltà mas-sigurtà, jikkontribwixxu għall-adattabbiltà. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2007 approva l-prinċipji komuni miftiehma ta' flessigurtà li jilħqu bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà fis-suq tax-xogħol u jgħinu kemm lill-ħaddiema kif ukoll lil min iħaddem jaħtfu l-opportunitajiet offruti mill-globalizzazzjoni.

(10) Hemm differenzi konsiderevoli fl-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija u fis-sitwazzjoni legali, l-istatus u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija fl-Unjoni Ewropea.

(11) Ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija mhux biss jilħaq il-ħtiġijiet għall-flessibbiltà ta' l-intrapriżi iżda wkoll il-ħtieġa li l-impjegati jirrikkonċiljaw il-ħajja tax-xogħol u dik privata tagħhom. B'hekk huwa jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għall-parteċipazzjoni u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.

(12) Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas protettiv għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li huwa non-diskriminatorju, trasparenti u proporzjonat, filwaqt li tirrispetta d-diversità tas-swieq tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali.

(13) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/383/KEE tal-25 ta' Ġunju 1991 li tissupplementa l-miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol tal-ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' mpjieg għal perijodu definit jew ta' mpjieg temporanju ([1]) tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tas-sigurtà u s-saħħa applikabbli għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

(14) Il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u ta' l-impjieg applikabbli għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom ikunu ta' l-inqas dawk li japplikaw għal dawn il-ħaddiema kieku kellhom ikunu rreklutati mill-impriża utenti biex jokkupaw l-istess impjieg.

(15) Il-kuntratti ta' impjieg għal żmien indefinit huma l-forma ġenerali ta' relazzjoni ta' impjieg. Fil-każ ta' ħaddiema li għandhom kuntratt permanenti ma' l-aġenzija ta' xogħol temporanju tagħhom, u bil-ħsieb tal-protezzjoni speċjali li joffri tali kuntratt, għandu jkun previst li jkunu permessi eżenzjonijiet mir-regoli applikabbli fl-impriża utenti.

(16) Sabiex ikunu jistgħu jaffrontaw b'mod flessibbli d-diversità tas-swieq tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-imsieħba soċjali jiddefinixxu kondizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg, sakemm jiġi rispettat il-livell ġenerali ta' protezzjoni għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

(17) Barra minn hekk, f'ċerti ċirkostanzi limitati, l-Istati Membri għandhom, abbażi ta' ftehim konkluż mill-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali, ikunu jistgħu jidderogaw f'limiti mill-prinċipju ta' trattament ugwali, sakemm jiġi pprovdut livell adegwat ta' protezzjoni.

(18) It-titjib fil-protezzjoni minima għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandu jkun akkumpanjat minn reviżjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni jew projbizzjoni li setgħet ġiet imposta fuq ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija. Dawn jistgħu jkunu ġġustifikati biss għal raġunijiet ta' interess ġenerali rigward, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ħaddiema, ir-rekwiżiti tas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol u l-ħtieġa li jkun żgurat li s-suq tax-xogħol jaħdem tajjeb u li jiġu prevenuti l-abbużi.

(19) Din id-Direttiva la taffettwa l-awtonomija ta' l-imsieħba soċjali u lanqas m'għandha taffettwa r-relazzjonijiet bejn l-imsieħba soċjali, inkluż id-dritt li jiġu nnegozjati u konklużi strumenti ta' ftehim kollettivi skond il-liġi u l-prattiki nazzjonali filwaqt li tiġi rispettata l-liġi Komunitarja prevalenti.

(20) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar ir-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet fuq ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija huma mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali jew il-prattiki li jipprojbixxu li ħaddiema li joħorġu fuq strajk ikunu sostitwiti b'ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

(21) L-Istati Membri għandhom jipprovdu proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji biex iħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u għandhom jipprovdu pieni effettivi, dissważivi u proporzjonati għall-ksur ta' l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva.

(22) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta' stabbiliment u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi ([2]).

([1]) ĠU L 206, 29.7.1991, p. 19.

([2]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.

(23) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi stabbilit qafas armonizzat fuq livell Komunitarju għall-protezzjoni għal ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba fl-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju billi jkunu introdotti rekwiżiti minimi applikabbli mal-Komunità kollha, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma teċċedix dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju li huma assenjati għal impriżi utenti biex jaħdmu b'mod temporanju taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħhom.

2. Din id-Direttiva tapplika għal impriżi pubbliċi u privati li huma aġenziji ta' xogħol temporanju jew impriżi utenti impenjati f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le.

3. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali, jipprovdu li din id-Direttiva ma tapplikax għal kuntratti jew relazzjonijiet ta' impjieg konklużi taħt programm speċifiku pubbliku jew sostnut b'mezzi pubbliċi ta' taħriġ vokazzjonali, ta' integrazzjoni jew ta' taħriġ mill-ġdid.

*Artikolu 2*

**Għan**

Il-fini ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura l-protezzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u li ttejjeb il-kwalità tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija billi tiżgura li l-prinċipju ta' trattament ugwali, kif imniżżel fl-Artikolu 5, ikun applikat għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija. u billi tirrikonoxxi lill-aġenziji ta' xogħol temporanju bħala entitajiet li jħaddmu, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas xieraq għall-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija bil-ħsieb li jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għall-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' xogħol.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "ħaddiem" tfisser kwalunkwe persuna li, fl-Istat Membru kkonċernat, hija protetta bħala ħaddiem skond il-liġi nazzjonali ta' l-impjieg;

(b) "aġenzija ta' xogħol temporanju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, f'konformità mal-liġi nazzjonali, tikkonkludi kuntratti ta' impjieg jew relazzjonijiet ta' impjieg ma' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija sabiex tassenjahom lil impriżi utenti biex jaħdmu hemm temporanjament taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħhom;

(ċ) "ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija" tfisser ħaddiem b'kuntratt ta' impjieg jew li għandu relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju bil-ħsieb li jiġi assenjat għal ma' impriża utenti biex jaħdem temporanjament taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha;

(d) "impriża utenti" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jaħdem temporanjament għaliha taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha;

(e) "assenjazzjoni" tfisser il-perijodu li matulu l-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija jintbagħat fl-impriża utenti biex jaħdem temporanjament taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha;

(f) "kondizzjonijiet bażiċi ta' xogħol u ta' impjieg" tfisser kondizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg stabbiliti mil-leġislazzjoni, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-istrumenti ta' ftehim kollettivi u/jew dispożizzjonijiet ġenerali vinkolanti oħrajn fis-seħħ fl-impriża utenti relatati ma':

(i) it-tul tal-ħin tax-xogħol, is-sahra, il-breaks, il-perijodi ta' mistrieħ, ix-xogħol bil-lejl, il-vaganzi u l-btajjel pubbliċi;

(ii) il-paga.

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali fir-rigward tad-definizzjoni ta' paga, kuntratt ta' impjieg, relazzjoni ta' impjieg, jew ħaddiem.

L-Istati Membri m'għandhomx jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ħaddiema, kuntratti ta' impjieg jew relazzjonijiet ta' impjieg sempliċiment minħabba li dawn għandhom x'jaqsmu ma' ħaddiema part-time, ħaddiema b'kuntratt għal żmien definit jew persuni b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju.

*Artikolu 4*

**Reviżjoni tar-restrizzjonijiet jew tal-projbizzjonijiet**

1. Il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija għandhom ikunu ġġustifikati biss għal raġunijiet ta' interess ġenerali li għandhom x'jaqsmu b'mod partikolari mal-protezzjoni tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jew il-ħtieġa li jkun żgurat li s-suq tax-xogħol jaħdem tajjeb u jiġu prevenuti l-abbużi.

2. Sal-5 ta' Diċembru 2011, l-Istati Membri għandhom, wara li jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali skond il-leġislazzjoni nazzjonali, l-istrumenti ta' ftehim kollettivi u l-prattiki, jirrevedu kwalunkwe restrizzjoni jew projbizzjoni fuq l-użu ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija sabiex jivverifikaw jekk humiex iġġustifikati għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Jekk dawn ir-restrizzjonijiet jew il-projbizzjonijiet huma stabbiliti bi strumenti ta' ftehim kollettivi, ir-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 2 tista' titwettaq mill-imsieħba soċjali li jkunu nnegozjaw il-ftehim rilevanti.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti nazzjonali fir-rigward tar-reġistrazzjoni, il-liċenzjar, iċ-ċertifikazzjoni, il-garanziji finanzjarji jew il-monitoraġġ ta' l-aġenziji ta' xogħol temporanju.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tar-reviżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 sal-5 ta' Diċembru 2011.

KAPITOLU II

**KONDIZZJONIJIET TA' IMPJIEG U TA' XOGĦOL**

*Artikolu 5*

**Il-prinċipju ta' trattament ugwali**

1. Il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u ta' l-impjieg tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom ikunu, għat-tul ta' żmien ta' l-assenjazzjoni tagħhom f'impriża utenti, ta' l-inqas dawk li jkunu japplikaw kieku kienu rreklutati direttament minn dik l-impriża biex jokkupaw l-istess impjieg.

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu, ir-regoli fis-seħħ fl-impriża utenti dwar:

(a) il-protezzjoni ta' nisa tqal u ommijiet li qed ireddgħu u l-protezzjoni ta' tfal u żgħażagħ; u

(b) it-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa u kwalunkwe azzjoni biex tiġi miġġielda kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon, it-twemmin, diżabbiltajiet, l-età jew l-orjentament sesswali;

għandhom jiġu rrispettati kif stabbilit mil-leġislazzjoni, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-istrumenti ta' ftehim kollettivi u/jew kwalunkwe dispożizzjoni ġenerali oħra.

2. Fir-rigward tal-paga, l-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali, jipprovdu li ssir eżenzjoni mill-prinċipju stabbilit fil-paragrafu 1 fejn il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li għandhom kuntratt permanenti ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju jibqgħu jitħallsu fiż-żmien ta' bejn l-assenjazzjonijiet.

3. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali, jagħtuhom, fil-livell adatt u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri, l-għażla li jżommu jew jikkonkludu strumenti ta' ftehim kollettivi li, waqt li jirrispettaw il-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, jistgħu jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar il-kondizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li jistgħu jkunu differenti minn dawk imsemmijin fil-paragrafu 1.

4. Sakemm ikun ipprovdut livell adegwat ta' protezzjoni għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, l-Istati Membri, li fihom jew m'hemmx sistema fil-liġi biex strumenti ta' ftehim kollettivi jiġu ddikjarati applikabbli universalment jew li m'hemmx sistema bħal din fil-liġi jew prattika biex id-dispożizzjonijiet tagħhom jiġu estiżi għall-impriżi simili kollha f'ċertu settur jew żona ġeografika, jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali u abbażi ta' ftehim konkluż minnhom, jistabbilixxu arranġamenti rigward il-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u l-impjieg li jidderogaw mill-prinċipju stabbilit fil-paragrafu 1. Dispożizzjonijiet bħal dawn jistgħu jinkludu perijodu ta' kwalifika għal trattament ugwali.

Id-dispożizzjonijiet msemmijin f'dan il-paragrafu għandhom ikunu f'konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja u għandhom ikunu preċiżi u aċċessibbli biżżejjed biex jippermettu lis-setturi u lill-impriżi kkonċernati jidentifikaw u jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(2) jekk l-iskemi tas-sigurtà soċjali marbutin max-xogħol, inklużi l-iskemi ta' pensjoni, ta' ħlas għall-mard jew ta' parteċipazzjoni finanzjarja humiex inklużi fil-kondizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u l-impjieg imsemmijin fil-paragrafu 1. Dispożizzjonijiet bħal dawn għandhom ukoll ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti ta' ftehim fil-livell nazzjonali, reġjonali, lokali jew settorjali li m'humiex inqas favorevoli għall-ħaddiema.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti, skond il-liġi nazzjonali u/jew il-prattika, bil-ħsieb li jipprevjenu l-użu ħażin fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u, b'mod partikolari, jipprevjenu l-assenjazzjonijiet suċċessivi mfassla biex jevitaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'tali miżuri.

*Artikolu 6*

**Aċċess għall-impjieg, faċilitajiet kollettivi u taħriġ vokazzjonali**

1. Il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom ikunu infurmati bi kwalunkwe post vakant fl-impriża utenti biex jingħataw l-istess opportunità bħall-ħaddiema l-oħra f'dik l-impriża biex isibu impjieg permanenti. Din l-informazzjoni tista' tingħata b'avviz ġenerali f'post adatt fl-impriża li għaliha u taħt is-superviżjoni tagħha jiġu ingaġġati l-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe klawsola li tipprojbixxi jew li għandha l-effett li tipprevjeni l-konklużjoni ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg bejn l-impriża utenti u l-ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija wara l-assenjazzjoni tiegħu huma nulli u bla effett jew jistgħu jiġu ddikjarati nulli u bla effett.

Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet skond liema l-aġenziji ta' xogħol temporanju jirċievu livell raġonevoli ta' rikompensa għas-servizzi mogħtija lill-impriżi utenti għall-assenjazzjoni, ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija.

3. L-aġenziji ta' xogħol temporanju m'għandhom jitolbu lill-ħaddiema l-ebda ħlas, bi skambju għal li jkunu rranġawlhom li jiġu rreklutati minn impriża utenti, jew għall-konklużjoni ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' impriża utenti wara li titwettaq assenjazzjoni f'dik l-impriża.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(1), il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom jingħataw aċċess għall-komoditajiet jew faċilitajiet kollettivi fl-impriża utenti, b'mod partikolari kwalunkwe kantin, faċilità ta' kura tat-tfal u servizz ta' trasport, bl-istess kondizzjonijiet bħall-ħaddiema impjegati direttament mill-impriża, sakemm id-differenza fit-trattament ma tkunx iġġustifikata minn raġunijiet oġġettivi.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti jew għandhom jippromwovu d-djalogu bejn l-imsieħba soċjali, skond it-tradizzjonijiet u l-prattiki nazzjonali tagħhom, sabiex:

(a) itejbu l-aċċess tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għat-taħriġ u l-faċilitajiet ta' kura tat-tfal fl-aġenziji ta' xogħol temporanju, anki fil-perijodi bejn l-assenjazzjonijiet, sabiex itejbu l-iżvilupp tal-karriera u l-impjegabbiltà tagħhom;

(b) itejbu l-aċċess tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għat-taħriġ għall-ħaddiema ta' l-impriżi utenti.

*Artikolu 7*

**Rappreżentanza tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija**

1. Il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom jgħoddu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri, għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu li 'l fuq minnu l-korpi li jirrappreżentaw lill-ħaddiema previsti skond il-liġi Komunitarja u nazzjonali u l-istrumenti ta' ftehim kollettivi għandhom jiġu ffurmati fl-aġenzija ta' xogħol temporanju.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, skond kondizzjonijiet li huma jiddefinixxu, ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija jgħoddu għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu li 'l fuq minnu l-korpi li jirrappreżentaw lill-ħaddiema previsti skond il-liġi Komunitarja u nazzjonali u l-istrumenti ta' ftehim kollettivi għandhom jiġu ffurmati fl-impriza utenti, bl-istess mod daqs li kieku kienu ħaddiema impjegati direttament għall-istess perijodu ta' żmien mill-impriża utenti.

3. Dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu mill-għażla prevista fil-paragrafu 2 m'għandhomx ikunu obbligati jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

*Artikolu 8*

**Informazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali u Komunitarji dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni li huma aktar stretti u/jew aktar speċifiċi u b'mod partikolari d-Direttiva 2002/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea ([1]), l-impriża utenti għandha tipprovdi informazzjoni adatta dwar l-użu ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija meta tkun qed tipprovdi l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' impjieg f'dik l-impriża lill-korpi li jirrappreżentaw lill-ħaddiema stabbiliti skond il-leġislazzjoni nazzjonali u Komunitarja.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 9*

**Rekwiżiti minimi**

1. Din id-Direttiva m'għandhiex tippreġudika d-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema jew li jippromwovu jew jippermettu strumenti ta' ftehim kollettivi konklużi bejn l-imsieħba soċjali li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

2. L-implimentazzjoni tad-Direttiva taħt l-ebda ċirkustanza m'għandha tikkostitwixxi raġunijiet suffiċjenti biex tiġġustifika tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-ħaddiema fl-oqsma koperti b'din id-Direttiva. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' Stati Membri u/jew ta' min iħaddem u l-ħaddiema li jistabbilixxu, fid-dawl ta' ċirkostanzi li jinbidlu, arranġamenti leġislattivi, regolatorji jew kuntrattwali differenti minn dawk li jipprevalu fiż-żmien ta' l-addozzjoni ta' din id-Direttiva, dejjem sakemm jiġu rispettati r-rekwiżiti minimi stabbiliti f'din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.

*Artikolu 10*

**Pieni**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu miżuri xierqa fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva mill-aġenziji tax-xogħol temporanju jew mill-impriżi utenti. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji adegwati biex l-obbligi li ġejjin minn din id-Direttiva jkunu jistgħu jiġu infurzati.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli fil-każ ta' ksur tad-disposizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tagħhom. Il-pieni pprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispo-sizzjonijiet lill-Kummissjoni sal-5 ta' Diċembru 2011. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda sussegwenti għal dawk id-dispożizzjonijiet fi żmien xieraq. Huma għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom ikollhom mezzi adegwati biex jinfurzaw l-obbligi skond din id-Direttiva.

*Artikolu 11*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-5 ta' Diċembru 2011, jew għandhom jiżguraw li l-imsieħba soċjali jintroduċu d-dispożizzjonijiet meħtieġa permezz ta' ftehim, li bih l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti kollha meħtieġa li jippermettulhom jiggarantixxu f'kull ħin li l-objettivi ta' din id-Direttiva jintlaħqu. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza mal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

*Artikolu 12*

**Reviżjoni mill-Kummissjoni**

Sal-5 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali fil-livell Komunitarju, tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva bil-ħsieb li tipproponi, fejn ikun xieraq, l-emendi meħtieġa.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 14*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 19 ta' Novembru 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tas-27 ta' Novembru 2008

### dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-Konfederazzjoni Svizzera

(2008/903/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ([1]), li ġie ffirmat fis-26 ta' Ottubru 2004 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(1) tal-Ftehim jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen għandhom japplikaw fil-Konfederazzjoni Svizzera biss skont Deċiżjoni tal-Kunsill għal dak il-għan wara verifika li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dak l-*acquis* ikunu ġew sodisfatti.

(2) Il-Kunsill, wara li vverifika li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-parti dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-*acquis* ta' Schengen ikkonċernat ġew sodisfatti mill-Konfederazzjoni Svizzera, irrenda, bid-Deċiżjoni 2008/421/KE ([4]) tiegħu, d-dispożizzjoniiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen applikabbli għall-Konfederazzjoni Svizzera mill-14 ta' Awwissu 2008.

(3) Il-Kunsill, f'konformità mal-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli kif stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti dwar l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (SCH/Com-ex (98) 26 def.) ([5]), ivverifika li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen ġew sodisfatti f'oqsma oħra tal-*acquis* ta' Schengen — Fruntieri fuq l-Art, Kooperazzjoni tal-Pulizija, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, u l-Viża — fil-Konfederazzjoni Svizzera.

(4) Fis-27 ta' Novembru 2008, il-Kunsill ikkonkluda li l-kondizzjonijiet f'kull wieħed minn dawn l-oqsma msemmijin ġew sodisfatti mill-Konfederazzjoni Svizzera.

(5) Rigward l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-fruntieri tal-ajru, għandhom jitwettqu aktar żjarat ta' evalwazzjoni fi stadju suċċessiv.

(6) Għaldaqstant huwa possibbli li jiġu ffissati dati għall-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen, jiġifieri dati li minnhom għandhom jitneħħew il-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni mal-Konfederazzjoni Svizzera. Jekk iż-żjajjar ulterjuri fil-fruntieri tal-ajru jisfaw bla suċċess, id-data ffissata għall-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen li tirregola t-tneħħija ta' kontrolli fuq persuni fil-fruntieri tal-ajru għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid.

([1]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([2]) Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/849/KE (ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26) u 2004/860/KE (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78).
([3]) Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/146/KE (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1) u 2008/149/ĠAI (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).
([4]) ĠU L 149, 7.6.2008, p. 74.
([5]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 138.

(7) Sa mill-ewwel mit-tali dati, ir-restrizzjonijiet tal-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen, previsti fid-Deċiżjoni 2008/421/KE, għandhom jitneħħew.

(8) Skont l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim u l-Artikolu 14(1) tal-Ftehim bejn il-Komunità u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat li hu responsabbli biex jeżamina talba għall-asil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera ([1]), il-Ftehim tal-aħħar għandu jiġi implimentat mit-12 ta’ Diċembru 2008.

(9) Il-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Svizzera u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ħolqien ta’ drittijiet u obbligi bejn id-Danimarka u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen li jaqgħu taħt it-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jistabbilixxi li huwa għandu jidħol fis-seħħ fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen fl-istess data li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim.

(10) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tal-Ftehim u b’riżultat tal-applikazzjoni parzjali tal-*acquis* ta’ Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq prevista fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/926/KE tat-22 ta’ Diċembru 2004 dwar it-tqegħid fis-seħħ ta’ partijiet tal-*acquis* ta’ Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq ([2]), u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1 tiegħu, għandha tapplika biss parti mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen applikabbli għall-Konfederazzjoni Svizzera fir-relazzjonijiet tagħha mal-Istati Membri li japplikaw l-*acquis* ta’ Schengen bis-sħiħ fir-relazzjonijiet tal-Konfederazzjoni Svizzera mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq.

(11) F’konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tal-Ftehim u b’riżultat tal-applikazzjoni parzjali tal-*acquis* ta’ Schengen minn Ċipru min-naħa waħda, u l-Bulgarija u r-Rumanija min-naħa l-oħra, kif previst fl-Artikolu 3(2) tal-Att ta’ Adeżjoni tal-2003 u l-Artikolu 4(2) tal-Att ta’ Adeżjoni tal-2005 rispettivament, hija biss il-parti tal-*acquis* ta’ Schengen applikabbli f’dawn l-Istati Membri li għandha tapplika wkoll għall-Konfederazzjoni Svizzera fir-relazzjonijiet tagħha ma’ dawn l-Istati Membri.

(12) Il-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Svizzera, ir-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen u li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli li jeżamina talba għall-asil ippreżentata fl-Isvizzera, l-Islanda jew in-Norveġja jipprevedi li huwa għandu jidħol fis-seħħ fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen fl-istess data li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Id-dispożizzjonijiet kollha msemmija fl-Annessi A u B għall-Ftehim u kwalunkwe att li jikkostitwixxi żvilupp ulterjuri ta’ waħda jew aktar minn dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom japplikaw għall-Konfederazzjoni Svizzera, fir-relazzjonijiet tagħha mar-Renju tal-Belġju, mar-Repubblika Ċeka, mar-Renju tad-Danimarka, mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mar-Repubblika tal-Estonja, mar-Repubblika Ellenika, mar-Renju ta’ Spanja, mar-Repubblika ta’ Franza, mar-Repubblika Taljana, mar-Repubblika tal-Latvja, mar-Repubblika tal-Litwanja, mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, mar-Repubblika tal-Ungerija, mar-Repubblika ta’ Malta, mar-Renju tal-Olanda, mar-Repubblika tal-Awstrija, mar-Repubblika tal-Polonja, mar-Repubblika Portugiża, mar-Repubblika tas-Slovenja, mar-Repubblika Slovakka, mar-Repubblika tal-Finlandja, u mar-Renju tal-Isvezja, mit-12 ta’ Diċembru 2008.

Sa fejn dawk id-dispożizzjonijiet jirregolaw l-abolizzjoni tal-kontrolli fuq persuni fi fruntieri interni, huma għandhom japplikaw mid-29 ta’ Marzu 2009 għall-fruntieri tal-ajru. Il-Kunsill jista’ jiddeċiedi li jiddifferixxi din id-data, b’maġġoranza sempliċi tal-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-gvernijiet tal-Istati Membri li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen li jirregolaw l-abolizzjoni tal-kontrolli fuq persuni fi fruntieri interni. F’dak il-każ, il-Kunsill għandu jistabbilixxi data ġdida, b’unanimità ta’ dawk il-Membri.

Ir-restrizzjonijiet kollha dwar l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen mill-Istati Membri kkonċernati għandhom jitneħħew sa mit-8 ta’ Diċembru 2008.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen imdaħħla fis-seħħ mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq abbażi tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2004/926/KE u kwalunkwe att li jikkostitwixxi żvilupp ulterjuri ta’ waħda jew aktar minn dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom japplikaw għall-Konfederazzjoni Svizzera, fir-relazzjonijiet tagħha mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mit-12 ta’ Diċembru 2008.

([1]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5.
([2]) ĠU L 395, 31.12.2004, p. 70.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen applikabbli għal Ċipru min-naħa waħda, u għall-Bulgarija u r-Rumanija min-naħa l-oħra abbażi tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 u l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 rispettivament u kwalunkwe att li jikkostitwixxi żvilupp ulterjuri ta' waħda jew aktar minn dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom japplikaw għall-Konfederazzjoni Svizzera, fir-relazzjonijiet tagħha ma' Ċipru, mal-Bulgarija u mar-Rumanija mit-12 ta' Diċembru 2008.

*Artikolu 2*

B'deroga għall-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa ([1]), l-Isvizzera hija awtorizzata li żżomm l-eżenzjoni mill-viża għal Antigwa u Barbuda, il-Baħamas, il-Barbados u Saint Kitts u Nevis mit-12 ta' Diċembru 2008 sad-dħul fis-seħħ tal-istrumenti ta' ftehim għat-tneħħija tal-viża bejn il-Komunità Ewropea u kull wieħed minn dawn il-pajjiżi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

([1]) ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Novembru 2008

## li taħtar membru Olandiż u żewġ membri supplenti Olandiżi tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2008/904/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Olandiż,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Wara r-riżenja tas-Sur Nico SCHOOF tbattal post ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Wara r-riżenja tas-Sur Lodewijk ASSCHER tbattal post ta' membru supplenti. Wara l-ħatra, permezz ta' din id-deċiżjoni, tas-Sur Bas VERKERK bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni tbattal post ieħor ta' membru supplenti,

IDDECIEDA KIF GEJ:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membru:

— is-Sur Bas VERKERK, Burgemeester van Delft (tibdil tal-ħatra),

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Job COHEN, Burgemeester van Amsterdam,

— is-Sur Hans KOK, Burgemeester van Hof van Twente.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill,*
*Il-President*
L. CHATEL

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Novembru 2008

## li temenda l-Anness 13 tal-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar kif jimtlew stikers tal-viża

(2008/905/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 789/2001 tal-24 ta' April 2001 li jirriserva lill-Kunsill il-poteri ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viżi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva ta' Franza,

Billi:

(1) Huwa neċessarju li l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni jiġu aġġornati sabiex dawn jirriflettu l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fil-Konfederazzjoni Żvizzera bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2008/903/KE [2].

(2) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Peress li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 5 tal-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi f'perijodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta din id-Deċiżjoni, jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(3) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim [3].

(4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen [4]. Ir-Renju Unit għaldaqstant mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen [5]. Għalhekk l-Irlanda mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [6], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt B, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE [7].

(7) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen [8], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt B, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE [9].

---

(1) ĠU L 116, 26.4.2001, p. 2.
(2) Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
(3) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
(4) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
(5) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
(6) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
(7) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
(8) Id-dokument tal-Kunsill 16462/06 huwa aċċessibbli fuq http://register.consilium.europa.eu
(9) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.

(8) Rigward Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

(9) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kodiċi li ġej għandu jiżdied mal-lista tal-kodiċijiet tal-pajjiżi stabbilita fl-Anness 13, eżempji 11 u 14, għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni:

"Konfederazzjoni Svizzera: CH"

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/903/KE dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fil-Konfederazzjoni Żvizzera (1).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

(1) Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Novembru 2008

## li taħtar żewġ membri Daniżi u żewġ membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2008/906/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Daniż,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Il-postijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni tbattlu wara t-tmiem tal-mandati tas-Sinjura Mona HEIBERG u s-Sinjura Helene LUND. Il-postijiet ta' żewġ membri supplenti tbattlu wara t-tmiem tal-mandati tas-Sur Jens Christian GJESING u s-Sinjura Tove LARSEN,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membri:

is-Sinjura Helene LUND, Byrådsmedlem, Furesø Kommune (bidla fil-mandat),

is-Sinjura Mona HEIBERG, 1. Næstformand for Borgerrepræsentationen, Københavns Kommune (bidla fil-mandat),

(b) bħala membri supplenti:

is-Sur Jens Christian GJESING, 1. Viceborgmester, Haderslev Kommune (bidla fil-mandat),

is-Sinjura Tove LARSEN, Borgmester, Aabenraa Kommune (bidla fil-mandat).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. CHATEL

---

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-3 ta' Novembru 2008**

**li tistabilixxi garanziji ta' saħħa għat-trasport ta' ekwidi minn pajjiż terz għal ieħor skond l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 91/496/KEE**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6296)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/907/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(c) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/467/KE tat-13 ta' Lulju 1994 li tistabilixxi garanziji ta' saħħa għat-trasport ta' ekwidi minn pajjiż terz għal ieħor skond l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 91/496/KEE [2] ġiet emendata kemm-il darba [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Deċiżjoni għandha tiġi kkodifikata.

(2) Skond l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 91/496/KEE, garanziji tas-saħħa jridu jkunu stabbiliti għat-trasport ta' annimali minn pajjiż terz għal ieħor. Ċerti problemi nqalgħu fir-rigward ta' movimenti ta' ekwidi minn pajjiż terz għal ieħor.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE [4] tistabilixxi il-kondizzjonijiet tas-saħħa u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja meħtieġa għad-dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati. Dawn il-kondizzjonijiet jipprovdu l-garanziji neċessarji kollha fir-rigward ta' l-istat ta' saħħa tal-Komunità. Għall-garanziji ta' saħħa applikabbli għall-movimenti ta' ekwidi minn pajjiż terz għal ieħor għandha ssir referenza għall-kondizzjonijiet tas-saħħa stabbiliti bid-Deċiżjoni 92/260/KEE. Dik id-Deċiżjoni tirrikjedi fost oħrajn residenza ċerta fil-pajjiż tad-dispaċċ. Ir-residenza fi Stati Membri jew ċerti pajjiżi terzi elenkati jista' iżda jgħodd għall-kalkolazzjoni tal-perijodu kkunsidrat, dejjem jekk ta' l-anqas l-istess rekwiżiti tas-saħħa huma sodisfatti.

(4) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal- Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Ekwidi fi triqithom minn pajjiż terz għal ieħor iridu jiġu minn pajjiż terz imsemmi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 92/260/KEE.

2. L-ekwidi msemmija fil-paragrafu 1 iridu jkunu akkumpanjati b'ċertifikat intitolat "Ċertifikat ta' tranżitu għat-trasport ta' ekwidi minn pajjiż terz għal ieħor". Dan iċ-ċertifikat irid ikun fih Sezzjonijiet I, II and III bl-eċċezzjoni tal-paragrafu (e) punt (v) taċ-ċertifikat ta'saħħa, li jikkorrispondi mal-pajjiż terz ta' provenjenza elenkat fl-Anness II għad-Deċiżjoni 92/260/KEE. Hu jrid jinkludi wkoll is-sezzjonijiet li ġejjin:

"IV. Ekwidi provenjenti minn: ........................................................
(pajjiż)

sejriin lejn: ........................................................
(pajjiż)

V. Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali: ............................"

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
[2] ĠU L 190, 26.7.1994, p. 28.
[3] Ara l-Anness I.
[4] ĠU L 130, 15.5.1992, p. 67.

3. B’deroga mid-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 u fil-każ ta’ ekwidi irreġistrati biss, l-lista ta’ pajjiżi fit-tielet parti tal-paragrafu (d) tas-Sezzjoni III taċ-ċertifikati A, B, Ċ, D u E fl-Anness II għad-Deċiżjoni 92/260/KEE għandha tkun mibdula bil-lista ta’ pajjiżi terzi fi Gruppi A sa E fl-Anness I għal dik id- Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 94/467/KE hi mħassra.

Referenzi għad-Deċiżjoni li ġiet imħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 3 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
José Manuel BARROSO
*Il-President*

*ANNESS I*

**DEĊIŻJONI MĦASSRA FLIMKIEN MA’ LISTA TAL-EMENDAMENTI SUĊĊESSIVI TAGĦHA**

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/467/KE
(ĠU L 190, 26.7.1994, p. 28)

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/81/KE (ĠU L 19, 25.1.1996, p. 53). | l-Artikolu 4 biss |
| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/662/KE (ĠU L 232, 30.8.2001, p. 28). | |

*ANNESS II*

**TABELLA TA’ KORRELAZZJONI**

| Deċiżjoni 94/467/KE | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| — | Artikolu 2 |
| Artikolu 2 | Artikolu 3 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Novembru 2008

## li tawtorizza ċerti Stati Membri jirrevedu l-programm annwali tagħhom ta' monitoraġġ tal-BSE

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7288)*

**(It-testi bil-lingwa Spanjola, Daniża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Franċiża, Taljana, Olandiża, Portugiża, Finlandiża u Svediża biss huma awtentiċi)**

(2008/908/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li jittieħdu [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-enċefalopatiji sponġiformi li jittieħdu (TSEs) fl-annimali. Dan jistipula li kull Stat Membru għandu jwettaq programm annwali ta' monitoraġġ għat-TSEs imsejjes fuq is-sorveljanza attiva u passiva, skont l-Anness III għal dak ir-Regolament.

(2) L-Artikolu 6(1b) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistipula li l-Istati Membri kollha li jistgħu juru t-titjib tal-qagħda epidemjoloġika tal-pajjiż, skont ċerti kriterji li għandhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura msemmija f'dak l-Artikolu, jistgħu japplikaw biex il-programmi tagħhom ta' monitoraġġ jiġu riveduti.

(3) Il-punt 7 tal-Parti I tal-Kapitolu A tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi tagħrif li għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni kif ukoll il-kriterji epidemjoloġiċi li magħhom għandhom jikkonformaw l-Istati Membri li jixtiequ jirrevedu l-programmi annwali tagħhom ta' monitoraġġ.

(4) Fis-17 ta' Lulju 2008, l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ippubblikat żewġ opinjonijiet xjentifiċi relatati mar-reviżjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tal-BSE f'xi whud mill-Istati Membri. Dawk l-opinjonijiet jipprovdu eval-wazzjoni dwar il-livell ta' riskju addizzjonali għas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali wara l-implimentazzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ riveduta tal-BSE fil-15-il Stat Membru tal-Komunità qabel l-1 ta' Mejju 2004, u jikkonkludu li ta' kull sena, ikun hemm anqas minn każ wieħed ta' BSE li jinqabeż f'dawk l-Istati Membri jekk l-età tal-annimal bovin koperta mill-monitoraġġ tal-BSE tkun żdiedet minn 24 xahar għal 48 xahar.

(5) Fis-17 ta' Lulju 2008, l-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(6) Fis-7 ta' Awwissu 2008, l-Irlanda ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(7) Fit-13 ta' Awwissu 2008, l-Awstrija ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(8) Fit-13 ta' Awwissu 2008, id-Danimarka ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(9) Fil-15 ta' Awwissu 2008, ir-Renju Unit ippreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tiegħu ta' monitoraġġ tal-BSE.

(10) Fl-20 ta' Awwissu 2008, il-Lussemburgu ppreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tiegħu ta' monitoraġġ tal-BSE.

(11) Fit-28 ta' Awwissu 2008, il-Ġermanja ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(12) Fit-28 ta' Awwissu 2008, l-Olanda ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(13) Fid-29 ta' Awwissu 2008, il-Finlandja ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(14) Fid-29 ta' Awwissu 2008, l-Iżvezja ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

[1] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

(15) Fl-4 ta' Settembru 2008, il-Portugall ippreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tiegħu ta' monitoraġġ tal-BSE.

(16) Fit-8 ta' Settembru 2008, Franza ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(17) Fid-9 ta' Settembru 2008, Spanja ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(18) Fil-11 ta' Settembru 2008, il-Belġju ppreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tiegħu ta' monitoraġġ tal-BSE.

(19) Fis-17 ta' Settembru 2008, il-Greċja ppreżentat lill-Kummissjoni applikazzjoni biex jiġi rivedut il-programm annwali tagħha ta' monitoraġġ tal-BSE.

(20) Fit-18 ta' Settembru 2008, l-applikazzjonijiet ippreżentati minn dawk il-15-il Stat Membru ġew evalwati minn grupp ta' ħidma *ad-hoc* magħmul minn esperti li kkonkluda li l-analiżijiet tar-riskju pprovduti mill-Istati Membri bħala sostenn għall-applikazzjoni tagħhom kienu xierqa u jiżguraw il-ħarsien tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali. Ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1b) u l-kriterji epidemjoloġiċi kollha stipulati fil-punt 7 tal-Parti I tal-Kapitolu A tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 li magħhom iridu jikkonformaw l-Istati Membri biex juru t-titjib tal-qagħda epidemjoloġika tagħhom ġew iċċekkjati wkoll u nstab li ġew sodisfatti.

(21) Għaldaqstant huwa xieraq li l-15-il Stat Membru, li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew ivvalutati b'mod favorevoli, jiġu awtorizzati jirrevedu l-programm annwali tagħhom ta' monitoraġġ u jżommu t-48 xahar bħala l-limitu ġdid ta' età għall-ittestjar tal-BSE f'dawk l-Istati Membri.

(22) Xi Stati Membri li ssieħbu fil-Komunità mill-1 ta' Mejju 2004 iżda bdew jagħmlu l-isforz biex jikkonformaw matul is-snin ta' qabel l-adeżjoni tagħhom, ippreżentaw ukoll lill-Kummissjoni l-applikazzjonijiet biex jirrevedu l-programmi annwali tagħhom ta' monitoraġġ tal-BSE. Minbarra l-evalwazzjoni xjentifika u biex tiġi verifikata l-konformità mal-kriterji epidemjoloġiċi, l-Uffiċċju Veterinarju u tal-Ikel (FVO) hu mistenni li jwettaq spezzjoni f'dawn l-Istati Membri kif ukoll f'dawk li se japplikaw għal reviżjoni tal-programm tagħhom. Il-Kummissjoni rċeviet talbiet għal reviżjoni mis-Slovenja u minn Ċipru.

(23) Għal raġunijiet prattiċi, huwa xieraq li d-data tal-bidu tal-programmi annwali riveduti ta' monitoraġġ taħbat mas-sena baġitarja tal-Komunità.

(24) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Jannar 2009, l-Istati Membri mniżżla fl-Anness għal din jistgħu jirrevedu l-programm annwali tagħhom ta' monitoraġġ kif stipulat fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 ('il-programmi annwali riveduti ta' monitoraġġ').

*Artikolu 2*

Il-programmi annwali riveduti ta' monitoraġġ għandhom japplikaw biss għall-popolazzjoni nazzjonali ta' bovini tal-Istat Membru kkonċernat u għandhom ikopru għall-inqas l-annimali bovini kollha li jkollhom aktar minn 48 xahar u li jappartjenu għas-subpopolazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-annimali kif imsemmija fil-punt 2.2 tal-Parti I tal-Kapitolu A tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) l-annimali kif imsemmija fil-punt 2.1 tal-Parti I tal-Kapitolu A tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ċ) l-annimali kif imsemmija fil-punt 3.1 tal-Parti I tal-Kapitolu A tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Lista ta’ Stati Membri**

— Il-Belġju
— Id-Danimarka
— Il-Ġermanja
— L-Irlanda
— Il-Greċja
— Spanja
— Franza
— L-Italja
— Il-Lussemburgu
— L-Olanda
— L-Awstrija
— Il-Portugall
— Il-Finlandja
— L-Iżvezja
— Ir-Renju Unit

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta’ l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA’ L-UE

## DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL 2008/909/ĠAI

**tas-27 ta’ Novembru 2008**

**dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku ta’ sentenzi f’materji kriminali li jimponu pieni ta’ kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 31(1)(a) u 34 (2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika ta’ l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta’ l-Isvezja,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa’ f’Tampere fil-15 u fis-16 ta’ Ottubru 1999 endorsja l-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku, li għandu jsir il-pedament ta’ kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kemm ċivili kif ukoll kriminali fl-UE.

(2) Fid-29 ta’ Novembru 2000 il-Kunsill, b’mod konformi mal-konklużjonijiet ta’ Tampere, adotta programm ta’ miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku ta’ deċiżjonijiet f’materji kriminali [1], li fih talab għal valutazzjoni tal-ħtieġa ta’ mekkaniżmi moderni għar-rikonoxximent reċiproku ta’ pieni definittivi li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà (Miżura 14) u għall-estensjoni ta’ l-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trasferiment ta’ persuni sentenzjati biex ikopri persuni residenti fi Stat Membru (Miżura 16).

(3) Il-Programm ta’ l-Aja dwar it-tisħiħ tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea [2] jeħtieġ li l-Istati Membri jikkompletaw il-programm ta’ miżuri, b’mod partikolari fil-qasam ta’ l-infurzar ta’ pieni ta’ kustodja definittivi.

(4) L-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta’ l-Ewropa tal-21 ta’ Marzu 1983 dwar it-Trasferiment ta’ Persuni Sentenzjati. Taħt dik il-Konvenzjoni, persuni sentenzjati jistgħu jiġu trasferiti biex jiskontaw il-bqija tal-piena tagħhom lejn l-Istat taċ-ċittadinanza tagħhom biss u bil-kunsens tagħhom u dak ta’ l-Istati involuti biss. Il-Protokoll Addizzjonali għal dik il-Konvenzjoni tat-18 ta’ Diċembru 1997, li jippermetti trasferiment mingħajr il-kunsens tal-persuna, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, ma ġiex ratifikat mill-Istati Membri kollha. L-ebda strument ma jimponi xi dmir bażiku li jiġu aċċettati persuni sentenzjati għall-infurzar ta’ piena jew ordni.

(5) Drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali huma element kruċjali biex tiġi żgurata kunfidenza reċiproka fost l-Istati Membri f’kooperazzjoni ġudizzjarja. Ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, li huma karatterizzati minn fiduċja reċiproka speċjali fis-sistemi legali ta’ Stati Membri oħrajn, jippermettu r-rikonoxximent mill-Istat ta’ esekuzzjoni ta’ deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet ta’ l-Istat emittenti. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat żvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni previst fl-istrumenti tal-Kunsill ta’ l-Ewropa li jikkonċernaw l-infurzar ta’ sentenzi kriminali, b’mod partikolari fejn ċittadini ta’ l-Unjoni kienu s-suġġett ta’ sentenza kriminali u kienu sentenzjati għal piena ta’ kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà fi Stat Membru ieħor. Minkejja l-ħtieġa li l-persuna sentenzjata tkun provduta b’salvagwardji xierqa, l-involviment tagħha fil-proċedimenti m’għandhux jibqa’ dominanti billi jkun jeħtieġ fil-każijiet kollha l-kunsens tagħha biex sentenza tiġi trasmessa lil Stat Membru ieħor bil-għan tar-rikonoxximent tagħha u l-infurzar tal-piena imposta.

(1) ĠU C 12, 15.1.2001, p. 10.

(2) ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.

(6) Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tkun implimentata u applikata b'mod li tippermetti li l-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza, ekwità u raġonevolezza jiġu rrispettati.

(7) L-Artikolu 4(1)(c) fih dispożizzjoni diskrezzjonali li tippermetti li s-sentenza u ċ-ċertifikat jiġu trasmessi, per eżempju, lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna sentenzjata, f'każijiet barra minn dawk previsti fil-paragrafi 1 a) u b), jew lill-Istat Membru fejn il-persuna sentenzjata tgħix u kienet kontinwament residenti legalment għal mill-anqas ħames snin u ser iżżomm dritt permanenti ta' residenza hemm.

(8) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1)(c) it-trasmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' esekuzzjoni huwa soġġett għall-konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati emittenti u ta' esekuzzjoni, u l-kunsens ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont ta' elementi bħal, per eżempju, id-dewmien tar-residenza jew rabtiet oħra ma' l-Istat ta' esekuzzjoni. F'każijiet fejn il-persuna sentenzjata tista' tiġi trasferita lejn Stat Membru jew lejn pajjiż terz skond il-liġi nazzjonali jew strumenti internazzjonali, l-awtorità ta' l-Istati emittenti u ta' esekuzzjoni għandha, b'konsultazzjoni, tikkonsidra jekk l-infurzar fl-Istat ta' esekuzzjoni jsaħħaħx l-għan tar-riabilitazzjoni soċjali aħjar milli l-infurzar fil-pajjiż terz.

(9) L-infurzar tal-piena fl-Istat ta' esekuzzjoni għandu jsaħħaħ il-possibbiltà ta' riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata. Fil-kuntest li jkun sodisfatt li l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' esekuzzjoni jaqdi l-iskop li tiffaċilita r-riabilitazjzoni soċjali tal-persuna sentenzjata, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha tieħu kont ta' elementi bħal, per eżempju, r-rabta tal-persuna ma' l-Istat ta' esekuzzjoni, jekk hi tikkonsidrahx bħala l-post b'rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi u rabtiet oħrajn ma' l-Istat ta' esekuzzjoni.

(10) L-opinjoni tal-persuna sentenzjata msemmija fl-Artikolu 6(3) tista' tkun utli l-aktar fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4 (4). Il-kliem 'partikolarment' huma maħsuba biex jiġu koperti wkoll każijiet fejn l-opinjoni tal-persuna sentenzjata tkun tinkludi informazzjoni li tista' tkun ta' rilevanza fir-rigward tar-raġunijet għal non-rikonoxximent jew non-infurzar. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4(4) u 6(3) ma jikkostitwixxux raġuni għar-rifjut relatat mar-riabilitazzjoni soċjali.

(11) Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Polonja għandha bżonn iktar żmien mill-Istati Membri l-oħra biex tiffaċċa l-konsegwenzi prattiċi u materjali tat-trasferiment ta' ċittadini Polakki sentenzjati fi Stati Membri oħra, speċjalment fid-dawl ta' mobbiltà akbar ta' ċittadini Polakki fi ħdan l-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, għandha tiġi prevista deroga temporanja b' kamp ta' applikazzjoni limitat għal perijodu massimu ta' ħames snin.

(12) Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika wkoll, *mutatis mutandis*, għall-infurzar ta' pieni fil-każijiet taħt l-Artikoli 4(6) u 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri ([1]). Dan ifisser *inter alia* illi, mingħajr preġudizzju għal dik id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, l-Istat Membru ta' esekuzzjoni jista' jivverifika l-eżistenza ta' raġunijiet għal non-rikonoxximent jew non-infurzar kif previst fl-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni Qafas, inkluż l-iċċekkjar ta' kriminalità doppja sal-punt li l-Istat ta' esekuzzjoni jagħmel dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 7(4) ta' din id-Deċiżjoni Qafas, bħala kondizzjoni biex jirrikonoxxi u jinforza s-sentenza bil-ħsieb li jikkonsidra jekk jikkonsenjax il-persuna jew jinfurzax il-piena f'każijiet skond l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI.

(13) Din id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitolu VI tagħha. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas m'għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi rifjut għal esekuzzjoni ta' deċiżjoni fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi biex wieħed jemmen li l-piena ġiet imposta bil-għan li tikkastiga persuna minħabba s-sess, ir-razza, ir-reliġjon, l-oriġini etnika, in-nazzjonalità, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew l-orjentazzjoni sesswali tagħha, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi preġudikata għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet.

(14) Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex twaqqaf lil ebda Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu dwar proċess ġust, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' l-espressjoni f'media oħra.

([1]) ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

(15) Din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu applikati konformement mad-dritt taċ-ċittadini ta' l-Unjoni li jiċċirkolaw u jirresjedu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri mogħti permezz ta' l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

(16) Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi applikati konformement mal-liġi Komunitarja applikabbli, inkluż b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE ([2]) u id-Direttiva 2004/38/KE ([3]).

(17) Meta f'din id-Deċiżjoni Qafas ssir referenza għall-Istat fejn il-persuna sentenzjata 'tgħix', dan jindika l-post li miegħu l-persuna hija marbuta abbażi ta' residenza abitwali u elementi bħal irbit familjari, soċjali u professjonali.

(18) Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(1), għandu jkun possibbli li sentenza jew kopja ċertifikata tagħha u ċertifikat jiġu trasmessi lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, per eżempju posta elettronika u fax, taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' esekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità.

(19) F'każijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1)(k), l-Istat ta' esekuzzjoni għandu jikkunsidra l-possibbiltà li l-piena tiġi addattata skond din id-Deċiżjoni Qafas qabel ma jirrifjuta li jirrikonoxxi u jesegwixxi l-piena li tinvolvi miżura oħra minbarra piena ta' kustodja.

(20) Ir-raġuni għar-rifjut prevista fl-Artikolu 9(1)(k) tista' tiġi applikata wkoll f'każijiet fejn il-persuna ma nstabitx ħatja ta' reat kriminali għalkemm l-awtorità kompetenti applikat il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li mhix sentenza ta' kustodja bħala konsegwenza ta' reat kriminali.

(21) Ir-raġuni għal rifjut fir-rigward tat-territorjalità għandha tiġi applikata biss f'każijiet eċċezzjonali u bil-ħsieb tal-kooperazzjoni sa l-akbar punt possibbli taħt id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas, b'kont meħud ta' l-għan tagħha. Kwalunkwe deċiżjoni sabiex tiġi applikata din ir-raġuni għal rifjut, għandha tkun ibbażata fuq analiżi ta' każ b'każ u konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati emittenti u ta' esekuzzjoni.

(22) Il-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 12(2) għandu jiġi implimentat mill-Istati Membri b'mod li bħala regola ġenerali, id-deċiżjoni finali, inkluż proċedura ta' appell tkun tlestiet fi żmien perijodu ta' 90 jum.

(23) L-Artikolu 18(1) jgħid li, soġġett għall-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2, ir-regola ta' speċjalità tapplika biss fejn il-persuna ġiet ittrasferita lejn l-Istat ta' esekuzzjoni. Għalhekk m'għandhiex tkun applikabbli fejn il-persuna ma ġietx ittrasferita lejn l-Istat ta' esekuzzjoni, per eżempju fejn il-persuna ħarbet lejn l-Istat ta' esekuzzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI QAFAS:

KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas:

(a) "sentenza" għandha tfisser deċiżjoni finali jew ordni tal-qorti ta' l-Istat emittenti li timponi piena fuq persuna fiżika;

(b) "piena" għandha tfisser kwalunkwe piena ta' kustodja jew kwalunkwe miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà imposta għal perijodu ta' żmien limitat jew mhux limitat minħabba reat kriminali abbażi ta' proċedimenti kriminali;

(c) "Stat emittenti" għandha tfisser l-Istat Membru li fih tkun ingħatat sentenza;

(d) "Stat ta' esekuzzjoni" għandha tfisser l-Istat Membru li tiġi trasmessa lilu sentenza għall-fini tar-rikonoxximent u l-infurzar tagħha.

*Artikolu 2*

### Determinazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtorità jew awtoritajiet, taħt il-liġi nazzjonali tiegħu, huma kompetenti skond din id-Deċiżjoni Qafas, meta dak l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni.

2. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni li jirċievi disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12.
([2]) ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.
([3]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

*Artikolu 3*

**Għan u Ambitu**

1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas hija li tistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru, bil-ħsieb li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata, għandu jirrikonoxxi sentenza u jinforza l-piena.

2. Din id-Deċiżjoni Qafas hija applikabbli fejn il-persuna sentenzjata tinsab fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' esekuzzjoni.

3. Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika biss għar-rikonoxximent ta' sentenzi u l-infurzar ta' pieni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Deċiżjoni Qafas. Il-fatt li, flimkien mal-piena, tiġi imposta multa u/jew ordni ta' konfiska, li ma tkunx għadha tħallset, ġiet irkuprata jew infurzata, m'għandux iwaqqaf sentenza milli tiġi trasmessa. Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' tali multi u ordnijiet ta' konfiska fi Stat Membru ieħor għandhom ikunu bbażati fuq l-istrumenti applikabbli bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal penali finanzjarji ([1]) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska ([2]).

4. Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU II

**RIKONOXXIMENT TA' SENTENZI U INFURZAR TA' PIENI**

*Artikolu 4*

**Kriterji għat-trasmissjoni ta' sentenzau ċertifikat lil Stat Membru ieħor**

1. Dment li l-persuna sentenzjata fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' esekuzzjoni, u dment li l-persuna tat il-kunsens tagħha fejn meħtieġ taħt l-Artikolu 6, sentenza, flimkien ma' ċertifikat li tiegħu tingħata l-formula standard fl-Anness I, jista' jintbagħat lil wieħed mill-Istati Membri li ġejjin:

(a) l-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna sentenzjata fejn hija j/tgħix; jew

(b) l-Istat Membru taċ-ċittadinanza, li għalih, filwaqt li m'huwiex l-Istat Membru fejn hi tgħix, il-persuna sentenzjata ser tkun deportata, ladarba hija tkun rilaxxata mill-infurzar tal-piena abbażi ta' ordni ta' espulsjoni jew deportazzjoni inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra li tirriżulta mis-sentenza; jew

(c) kwalunkwe Stat Membru li m'huwiex l-Istat Membru imsemmi f' a) jew b), li l-awtorità kompetenti tiegħu tagħti kunsens biex is-sentenza u ċ-ċertifikat jiġu trasmessi lil dak l-Istat Membru.

2. It-trasmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat tista' ssir meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti, fejn xieraq, wara konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat emittenti u ta' dak ta' esekuzzjoni, ikunu sodisfatti li l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' esekuzzjoni jkun jaqdi l-għan li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata.

3. Qabel it-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti tista' tikkonsulta, bi kwalunkwe mezz xieraq, ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni. Il-konsultazzjoni għandha tkun obbligatorja fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(c). F'tali każijiet l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinforma minnufih lill-Istat emittenti bid-deċiżjoni tagħha jekk tagħtix kunsens jew le għat-trasmissjoni tas-sentenza.

4. Waqt tali konsultazzjoni l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni tista' tippreżenta lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti opinjoni raġunata li l-infurzar tal-piena fl-Istat ta' esekuzzjoni ma jaqdix l-għan li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali u r-reintegrazzjoni fis-soċjetà b'suċċess tal-persuna sentenzjata.

Fejn ma kienx hemm konsultazzjoni, tali opinjoni tista' tiġi ppreżentata mingħajr dewmien wara t-trasmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha tikkonsidra tali opinjoni u tiddeċiedi jekk tirtirax iċ-ċertifikat jew le.

5. L-Istat ta' esekuzzjoni jista', fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jitlob lill-Istat emittenti biex jittrasmetti s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat. Il-persuna sentenzjata tista' wkoll titlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat emittenti jew ta' l-Istat ta' esekuzzjoni sabiex tinbeda proċedura għat-trasmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat taħt din id-Deċiżjoni Qafas. Talbiet magħmula taħt dan il-paragrafu m'għandhomx joħolqu obbligu ta' l-Istat emittenti biex jittrasmetti s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat.

([1]) ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16
([2]) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59

6. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li b'mod partikolari jieħdu kont ta' l-għan li tiġi ffaċilitata r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata u li għandhom jikkostitwixxu l-bażi għall-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jiddeċiedu jekk jagħtux kunsens jew le għat-trasmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat f'każijiet skond il-paragrafu(1)(c).

7. Kwalunkwe Stat Membru jista', jew fl-addozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas jew aktar tard, jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-Istati Membri l-oħra li jkunu taw l-istess ġustifikazzjoni, il-kunsens tiegħu minn qabel taħt il-paragrafu 1 (c) mhuwiex meħtieġ għat-trasmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat:

(a) jekk il-persuna sentenzjata tgħix u kienet kontinwament tirresjedi legalment għal mill-inqas ħames snin fl-Istat ta' esekuzzjoni u ser iżżomm dritt permanenti ta' residenza f'dak l-Istat, u/jew

(b) jekk il-persuna sentenzjata hija ċittadin ta' l-Istat ta' esekuzzjoni f'każijiet barra dawk previsti mill-paragrafu 1 a) u b).

Fil-każijiet imsemmijin f'punt (a), id-dritt permanenti ta' residenza għandu jfisser li l-persuna kkonċernata:

— għandha d-dritt ta' residenza permanenti fl-Istat Membru rispettiv skond il-liġi nazzjonali li timplimenta l-leġislazzjoni Komunitarja adottata abbażi ta' l-Artikoli 18, 40, 44 u 52 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jew

— tippossjedi permess ta' residenza validu, bħala resident permanenti jew fit-tul, għall-Istat Membru rispettiv, skond il-liġi nazzjonali li timplimenta l-leġislazzjoni Komunitarja adottata abbażi ta' l-Artikolu 63 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fir-rigward ta' l-Istati Membri li għalihom hija applikabbli tali leġislazzjoni Komunitarja, jew skond il-liġi nazzjonali, fir-rigward ta' l-Istati Membri li għalihom mhix applikabbli.

*Artikolu 5*

**Trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat**

1. Is-sentenza jew kopja ċċertifikata tiegħu, flimkien maċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu, mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' esekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità tiegħu. L-oriġinal tas-sentenza, jew kopja ċċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' esekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija.

2. Iċ-ċertifikat għandu jiġi ffirmat, u l-kontenut tiegħu ċċertifikat bħala preċiż, mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti.

3. L-Istat emittenti għandu jibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lil Stat ta' esekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe mument determinat.

4. Jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni m'hijiex magħrufa lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti, din ta' l-aħħar għandha tagħmel l-aċċertamenti kollha meħtieġa, inkluż permezz tal-punti ta' Kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew stabbilit mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/428/ĠAI ([1]), sabiex tikseb l-informazzjoni mill-Istat ta' esekuzzjoni.

5. Meta awtorità ta' l-Istat ta' esekuzzjoni li tirċievi sentenza flimkien ma' ċertifikat ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxieha u tieħu l-miżuri meħtieġa għall-infurzar tiegħu, hija għandha, ex officio, tibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni u tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti kif meħtieġ.

*Artikolu 6*

**Opinjoni u notifika tal-persuna sentenzjata**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, sentenza flimkien ma' ċertifikat tista' tintbagħat biss lill-Istat ta' esekuzzjoni għall-fini tar-rikonoxximent tagħha u l-infurzar tal-piena bil-kunsens tal-persuna sentenzjata skond il-liġi ta' l-Istat emittenti.

2. Il-kunsens tal-persuna sentenzjata m'għandux jenħtieġ meta tiġi trasferita s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat:

(a) lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza fejn tgħix il-persuna sentenzjata;

(b) lill-Istat Membru fejn il-persuna sentenzjata se tkun deportata ladarba huwa jew hija j/tkun rilaxxata mill-infurzar tal-piena abbażi ta' ordni ta' espulsjoni jew deportazzjoni inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra li tirriżulta mis-sentenza;

([1]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 4.

(c) lill-Istat Membru fejn il-persuna ħarbet jew marret lura b'xi mod ieħor minħabba l-proċedimenti kriminali pendenti kontriha fl-Istat emittenti jew wara kundanna f'dak l-Istat emittenti.

3. Fil-każijiet kollha fejn il-persuna tkun għadha fl-Istat emittenti, il-persuna għandha tingħata opportunità li tiddikjara l-opinjoni tiegħu jew tagħha oralment jew bil-miktub. Meta l-Istat emittenti jikkunsidra li dan huwa meħtieġ fid-dawl ta' l-età tal-persuna sentenzjata jew il-kondizzjoni fiżika jew mentali tagħha, dik l-opportunità għandha tingħata lir-rappreżentant legali tagħha.

Għandu jittieħed kont ta' l-opinjoni tal-persuna sentenzjata meta tkun qed tiġi deċiża l-kwistjoni tat-trasferiment tas-sentenza flimkien maċ-ċertifikat. Fejn il-persuna tkun għamlet użu mill-opportunità provduta f'dan il-paragrafu, l-opinjoni tal-persuna sentenzjata għandha tiġi trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni, partikolarment bil-ħsieb ta' l-Artikolu 4(4). Jekk il-persuna tkun iddikjarat l-opinjoni tagħha orlament, l-Istat emittenti għandu jiżgura li r-rekord bil-miktub ta' tali dikjarazzjoni hija disponibbli fl-Istat ta' esekuzzjoni.

4. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha tinforma lill-persuna sentenzjata, f'lingwa li hija tifhem, li hi ddeċidiet li s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat ikunu trasmessi bl-użu tal-formola standard ta' notifikazzjoni elenkata fl-Anness II. Meta l-persuna sentenzjata tkun fl-Istat ta' esekuzzjoni fil-ħin ta' dik id-deċiżjoni, dik il-formola għandha tiġi trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni li għandu jinforma lill-persuna kif meħtieġ.

5. Il-paragrafu 2(a) m'għandux japplika għall-Polonja bħala Stat emittenti u bħala Stat ta' esekuzzjoni fejn is-sentenza tkun ħarġet qabel ma jkunu għaddew ħames snin mill-5 ta' Diċembru 2011. Il-Polonja tista' fi kwalunkwe ħin tinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li m'hijiex ser tagħmel użu aktar minn din id-deroga.

*Artikolu 7*

**Kriminalità doppja**

1. Ir-reati li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat emittenti b'piena ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin, u skond kif inhuma definiti bil-liġi ta' l-Istat emittenti, għandhom, taħt it-termini ta' din id-Deċiżjoni Qafas u mingħajr verifika tal-kriminalità doppja ta' l-att, iwasslu għal rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena imposta:

— parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,

— terroriżmu,

— traffikar ta' bnedmin,

— sfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografija bi tfal,

— traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi,

— traffikar illeċitu ta' armi, munizzjonijiet u splussivi,

— korruzzjoni,

— frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej skond it-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([1]),

— laundering tar-rikavati minn kriminalità,

— falsifikazzjoni ta' muniti, inkluż l-*ewro*,

— reati konnessi ma' l-informatika,

— reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu li jinqerdu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-perikolu li jinqerdu,

— faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati,

— omiċidju, offiża gravi fuq persuna,

— kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani,

— ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi,

— razziżmu u ksenofobija,

— serq organizzat jew bl-użu ta' armi,

— it-traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri ta' l-arti,

— imbrolji,

([1]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

— racketeering u estorsjoni,

— falsifikazzjoni u l-piraterija ta' prodotti,

— falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom,

— falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament,

— traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi tat-tkabbir (growth promoters) oħrajn,

— traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,

— traffikar ta' vetturi misruqin,

— stupru,

— inċendju volontarju,

— reati li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

— ħtif illegali ta' inġenji ta' l-ajru/ta' bastimenti,

— sabotaġġ.

2. Il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiddeċiedi fi kwalunkwe waqt li jżid kategoriji oħrajn ta' reati mal-lista elenkata fil-paragrafu 1. Il-Kunsill għandu jeżamina, fid-dawl tar-rapport sottomess lilu skond l-Artikolu 29(5) ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jekk il-lista għandhiex tiġi estiża jew emendata.

3. Għal reati oħra barra dawk koperti mill-paragrafu 1, l-Istat ta' esekuzzjoni jista' jagħmel ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena għall-kondizzjoni li huwa jirrelata ma' atti li wkoll jikkostitwixxu reat taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, indipendentement mill-elementi kostituttivi tiegħu jew mid-deskrizzjoni tiegħu.

4. Kull Stat Membru jista', fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas jew wara, b'dikjarazzjoni nnotifikata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jiddikjara li m'huwiex ser japplika l-paragrafu 1. Tali dikjarazzjoni tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin. Tali dikjarazzjonijiet jew irtirar ta' dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 8*

**Rikonoxximent tas-sentenza u infurzar tal-piena.**

1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trasmessa skond l-Artikolu 3a u waqt li tiġi segwita l-proċedura taħt l-Artikolu 5, u għandha minnufih tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-infurzar tal-piena, sakemm ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għal non-rikonoxximent jew non-infurzar previsti fl-Artikolu 9.

2. Fejn il-piena tkun inkompatibbli mal-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni fir-rigward tat-tul tagħha, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni tista' tiddeċiedi li tadatta l-piena biss fejn dik il-piena taqbeż il-piena massima prevista għal reati simili taħt il-liġi nazzjonali tiegħu. Il-piena adattata m'għandhiex tkun anqas mill-piena massima prevista għal reati simili taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni.

3. Fejn il-piena tkun inkompatibbli mal-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni f'termini tan-natura tagħha, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat ta' esekuzzjoni tista' tadattaha għall-piena jew għall-miżura prevista taħt il-liġi tagħha stess għal reati simili. Tali piena jew miżura għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun possibbli mal-piena imposta fl-Istat emittenti u għalhekk l-piena m'għandhiex tiġi konvertita f'piena pekunjarja.

4. Il-piena adattata m'għandhiex taggrava l-piena li ngħatat fl-Istat emittenti fin-natura jew id-dewmien tagħha.

*Artikolu 9*

**Raġunijiet għal non-rikonoxximent jew non-infurzar**

1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi s-sentenza u li tinforza l-piena, jekk:

(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 4 mhux komplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza u ma kienx kompletat jew ikkorreġut f'terminu perentorju raġonevoli stabbilit mill-awtorità ta' esekuzzjoni;

(b) il-kriterji li hemm fl-Artikolu 4(1) ma jintlaħqux;

(c) infurzar tal-piena jkun kuntrarju għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*;

(d) f'każ imsemmi fl-Artikolu 7(3) u, fejn l-Istat ta' esekuzzjoni jkun għamel dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 7(4), fil-każ imsemmi fl-Artikolu 7(1), is-sentenza hija relatata ma' atti li ma jkunux jikkostitwixxu reat taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni. Madankollu, fir-rigward ta' taxxi jew dazji, dwana u kambju, l-esekuzzjoni ta' sentenza m'għandhiexs tiġi rifjutataminhabba li l-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni ma timponix l-istess tip ta' taxxa jew dazju jew ma fihiex l-istess tip ta' regoli fir-rigward ta' regolamenti dwar taxxi, dazji u dwana u kambju bħal-liġi ta' l-Istat emittenti;

(e) l-infurzar tal-piena jiġi preskritt taħt ir-regoli tal-preskrizzjoni skond il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni

(f) hemm immunità taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, li tagħmel l-infurzar tal-piena impossibbli;

(g) il-piena ġiet imposta fuq persuna li, taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, ma setgħetx, minħabba l-età tiegħu jew tagħha, tinżamm kriminalment responsabbli ta' l-atti li fuqhom inħareġ is-sentenza;

(h) fil-mument li l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni rċeviet is-sentenza, inqas minn sitt xhur tas-sentenza jkunu għadhom iridu jiġu skontati;

(i) is-sentenza ngħatat *in absentia*, sakemm iċ-ċertifikat ma jiddikjarax li l-persuna ġiet imsejħa personalment jew infurmata permezz ta' rappreżentant kompetenti skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat emittenti dwar iż-żmien u l-post tal-proċedimenti li rriżultaw fis-sentenza li ngħatat *in absentia*, jew li l-persuna indikat lil awtorità kompetenti li hi ma tikkontestax il-każ;

(j) l-Istat ta' esekuzzjoni, qabel ma tittieħed deċiżjoni skond l-Artikolu 12(1), jagħmel talba, skond l-Artikolu 18(3), u l-Istat emittenti ma jagħtix kunsens, skond l-Artikolu 18(2)(g), lill-persuna konċernata li qed tiġi akkużata, sentenzjata jew b'xi mod ieħor imċaħħda mil-libertà tagħha fl-Istat ta' esekuzzjoni għal reat li twettaq qabel it-trasferiment minbarra dak li għalih il-persuna ġiet trasferita;

(k) il-piena imposta tinkludi miżura ta' kura psikjatrika jew tas-saħħa jew miżura oħra li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, li, minkejja l-Artikolu 8(3), ma jistgħux jiġu esegwiti mill-Istat ta' esekuzzjoni skond is-sistemi legali jew tal-kura tas-saħħa tiegħu;

(l) is-sentenza tirrelata ma' reati kriminali li taħt il-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni huma meqjusa bħala li twettqu kollha kemm huma jew f'parti maġġuri jew essenzjali fit-territorju tiegħu, jew f'post ekwivalenti għat-territorju tiegħu.

2. Kwalunkwe deċiżjoni taħt il-paragrafu 1(l) fir-rigward ta' reati mwettqin parzjalment fit-territorju ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, jew f'post ekwivalenti għat-territorju tiegħu, għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni f'każijiet eċċezzjonali u fuq bażi ta' każ b'każ, b'konsiderazzjoni għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ u partikolarment għal jekk parti ewlenija jew essenzjali ta' l-imġiba in kwistjoni seħħetx fl-Istat emittenti.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b), (c), (i) (k) u (l), qabel ma jiġi deċiż li ma tiġix rikonoxxuta s-sentenza u infurzata l-piena, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz xieraq, u għandha, fejn ikun il-każ, titlobha tipprovdi mingħajr dewmien mhux meħtieġ kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

*Artikolu 10*

**Rikonoxximent u infurzar parzjali**

1. Jekk l-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni tista' tikkonsidra r-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena in parti, hija tista', qabel tiddeċiedi li tirrifjuta r-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena sħiħa, tikkonsulta lill-aworità kompetenti ta' l-Istat emittenti bil-ħsieb li jinstab ftehim, kif previst fil-paragrafu 2.

2. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat emittenti u f'dak ta' esekuzzjoni jistgħu jaqblu, każ b'każ, li jkun hemm rikonoxximent u infurzar parzjali ta' piena skond il-kondizzjonijiet stabbiliti minnhom, dment li tali rikonoxximent u infurzar ma jirriżultaxf'aggravazzjoni tad-dewmien tal-piena. Fin-nuqqas ta' tali ftehim, iċ-ċertifikat għandu jiġi rtirat.

*Artikolu 11*

**Posponiment tar-rikonoxximent tas-sentenza**

Ir-rikonoxximent tas-sentenza jista' jkun pospost fl-Istat ta' esekuzzjoni fejn iċ-ċertifikat imsemmifl-Artikolu 5 hu inkomplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza, sakemm tali skadenza raġonevoli stabbilita mill-Istat ta' esekuzzjoni għaċ-ċertifikat ikun kompletat jew ikkoreġut.

*Artikolu 12*

**Deċiżjoni dwar l-infurzar tal-piena u l-limiti ta' żmien**

1. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi malajr kemm jista' jkun jekk tirrikonoxxix is-sentenza u tinforzax il-piena u għandha tinforma lill-Istat emittenti għal-daqstant, inkluż dwar kwalunkwe deċiżjoni li tadatta l-piena skond l-Artikolu 8(2) u (3).

2. Sakemm ma teżistix raġuni għal posponiment taħt l-Artikolu 11 jew Artikolu 23(3) d-deċiżjoni finali dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena għandha tittieħed f'perijodu ta' 90 jum mir-riċeviment tas-sentenza u ċ-ċertifikat.

3. Meta f'każijiet eċċezzjonali ma jkunx prattikabbli għall-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni li taderixxi mal-perijodu previst fil-paragrafu 2, għandha mingħajr dewmien tinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti bi kwalunkwe mezz, u tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u stima tal-ħin meħtieġ għat-teħid tad-deċiżjoni finali.

*Artikolu 13*

**Irtirar taċ-ċertifikat**

Sakemm l-infurzar tal-piena fl-Istat ta' esekuzzjoni ma jkunx beda, l-Istat emittenti jista' jirtira ċ-ċertifikat minn dak l-Istat, billi jagħti r-raġunijiet għal dan. Malli ċ-ċertifikat jiġi rtirat, l-Istat ta' esekuzzjoni m'għandux jibqa' jinforza l-piena.

*Artikolu 14*

**Arrest proviżorju**

Fejn il-persuna sentenzjata tinsab fl-Istat ta' esekuzzjoni l-Istat ta' esekuzzjoni jista', fuq talba ta' l-Istat emittenti, qabel il-wasla tas-sentenza u taċ-ċertifikat, jew qabel id-deċiżjoni biex tiġi rikonoxxuta s-sentenza u biex tiġi infurzata l-piena, jarresta lill-persuna sentenzjata, jew jieħu kwalunkwe miżura oħra biex jiżgura li l-persuna sentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu, sakemm tittieħed deċiżjoni biex is-sentenza tiġi rikonoxxuta u l-piena tiġi infurzata. Id-dewmien tal-piena m'għandiex tkun aggravata bħala riżultat ta' kwalunkwe perijodu mqatta f'kustodja bħala raġuni ta' din id-dispożizzjoni.

*Artikolu 15*

**Trasferiment ta' persuni sentenzjati**

1. Jekk il-persuna sentenzjata tinsab fl-Istat emittenti, huwa jew hija għandha tiġi trasferita għall-Istat ta' esekuzzjoni fi żmien miftiehem bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat emittenti u dak ta' esekuzzjoni, u mhux aktar tard minn 30 jum wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni finali ta' l-Istat ta' esekuzzjoni dwar ir-rikonoxximent tas-sentenzau l-infurzar tal-piena.

2. Jekk it-trasferiment tal-persuna sentenzjata fil-perijodu stabbilit fil-paragrafu 1 huwa impedit minn ċirkostanzi imprevedibbli, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat emittenti u ta' dak ta' esekuzzjoni għandhom jikkuntattjaw lil xulxin minnufih. It-trasferiment għandu jseħħ hekk kif dawn iċ-ċirkostanzi ma jibqgħux jeżistu. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni u taqbel dwar data ġdida ta' trasferiment. F'dak il-każ, it-trasferiment għandu jseħħ fi żmien 10 ijiem mid-data ġdida hekk miftiehma.

*Artikolu 16*

**Transitu**

1. Kull Stat Membru għandu, skond il-liġi tiegħu, jippermetti t-transitu mit-territorju tiegħu ta' persuna sentenzjata li tkun qed tiġi trasferita għall-Istat ta' esekuzzjoni, dment li kopja taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 4 ingħatatlu mill-Istat emittenti flimkien mat-talba ta' transitu. It-talba ta' transitu u ċ-ċertifikat jistgħu jiġu trasmessi bi kwalunkwe mezz kapaċi li jipproduċi rekord bil-miktub. Fuq talba ta' l-Istat Membru biex jippermetti t-transitu, l-Istat emittenti għandu jipprovdi traduzzjoni taċ-ċertifikat f'waħda mil-lingwi, li għandha tiġi indikata fit-talba, li l-Istat Membru li jkun intalab jippermetti t-transitu jaċċetta.

2. Meta jirċievi talba biex jippermetti transitu, l-Istat Membru mitlub biex jippermetti t-transitu għandu jinforma lill-Istat emittenti jekk ma jistax jiggarantixxi li mhux ser issir prosekuzzjoni kontra l-persuna sentenzjata, jew, ħlief kif previst fil-paragrafu 1, miżmuma jew soġġetta b'xi mod ieħor għal kwalunkwe restrizzjoni tal-libertà tagħha fit-territorju ta' tiegħu għal kwalunkwe reat imwettaq jew piena imposta qabel it-tluq tagħha mit-territorju ta' l-Istat emittenti. F'tali każ l-Istat emittenti jista' jirtira t-talba tiegħu.

3. L-Istat Membru mitlub biex jippermetti t-transitu għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu, li għandha tittieħed abbażi ta' prijorità u mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva t-talba, bl-istess proċedura. Tali deċiżjoni tista' tiġi posposta sakemm tiġi trasmessa t-traduzzjoni lill-Istat Membru mitlub biex jippermetti t-transitu, fejn tali traduzzjoni hi meħtieġa taħt il-paragrafu 1.

4. L-Istat Membru mitlub jippermetti t-transitu jista' jżomm lill-persuna sentenzjata f'kustodja biss għaż-żmien meħtieġ għat-transitu mit-territorju tiegħu.

5. M'għandhiex tkun meħtieġa talba ta' transitu fil-każ ta' trasport bl-ajru mingħajr waqfa skedata. Madankollu, fil-każ ta' nżul mhux skedat, l-Istat emittenti għandu jipprovdi l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1 fi żmien 72 siegħa.

*Artikolu 17*

**Liġi li tirregola l-infurzar**

1. L-infurzar ta' piena għandu jkun irregolat bil-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni. L-awtoritajiet ta' l-Istat ta' esekuzzjoni waħedhom għandhom, soġġett għall-paragrafi 2, u 3, jkunu kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u biex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati miegħu, inklużi r-raġunijiet għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata.

2. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tnaqqas il-perijodu kollu ta' ċaħda tal-libertà diġà skontata b'konnessjoni mal-piena li fir-rigward tagħha nħarġet is-sentenza mit-tul ta' żmien totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat.

3. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha, fuq talba, tinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata. L-Istat emittenti jista' jaqbel ma' l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet jew jista' jirtira ċ-ċertifikat.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li kwalunkwe deċiżjoni dwar liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata tista' tieħu kont ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali indikati mill-Istat emittenti, li taħthom il-persuna għandha d-dritt għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata f'mument speċifiku.

*Artikolu 18*

**Speċjalità**

1. Persuna trasferita lejn l-Istat ta' esekuzzjoni skond din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex tkun soġġett għall-paragrafu 2, tgħaddi minn prosekuzzjoni, tiġi sentenzjata jew miċħuda mil-libertà tagħha b'xi mod ieħor għal reat li wettqet qabel it-trasferiment tagħha li mhux dak li għalih ġiet trasferita.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-persuna minkejja li kellha l-opportunità tħalli t-territorju ta' l-Istat ta' esekuzzjoni ma għamlitx dan fi żmien 45 jum mil-liberazzjoni finali tagħha, jew marret lura f'dak it-territorju wara li telqitu;

(b) meta r-reat m'huwiex punibbli b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni;

(c) meta l-proċedimenti kriminali ma jagħtux lok għall-applikazzjoni ta' miżura ta' restrizzjoni tal-libertà personali;

(d) meta l-persuna tista' tkun suxxettibbli li teħel piena jew miżura li ma tinvolvix ċaħda tal-libertà, b'mod partikolari piena finanzjarja jew miżura minflok din, anki jekk il-piena jew il-miżura *in lieu* tista' toħloq restrizzjoni tal-libertà personali tagħha;

(e) meta l-persuna tat il-kunsens tagħha għat-trasferiment;

(f) meta l-persuna, wara t-trasferiment tagħha, irrinunzjat espressament għall-benefiċċju tar-regola ta' speċjalità fir-rigward ta' reati speċifiċi li seħħew qabel it-trasferiment tagħha. Ir-rinunzja għandha tingħata quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni u għandha tiġi rreġistrata skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat. Ir-rinunzja għandha tiġi mfassla b'tali mod li jkun ċar li l-persuna għamlitha volontarjament u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak il-għan, il-persuna għandha jkollha d-dritt għal parir legali;

(g) għal każijiet minbarra dawk imsemmija taħt il-punti (a) sa (f), fejn l-Istat emittenti jagħti l-kunsens tiegħu b'konformità mal-paragrafu 3.

3. It-talba għall-kunsens għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti, akkumpanjata bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI u bi traduzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8(2) tagħha. Il-kunsens għandu jingħata fejn hemm obbligu għal ċediment tal-persuna taħt dik id-Deċiżjoni Qafas. Id-deċiżjoni għandha tittieħed mhux aktar tard minn 30 jum wara li tiġi rċevuta t-talba. Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni Qafas, l-Istat ta' esekuzzjoni għandu jagħti l-garanziji previsti fih.

*Artikolu 19*

**Amnestija, maħfra, reviżjoni tas-sentenza**

1. Amnestija jew maħfra jistgħu jingħataw mill-Istat emittenti kif ukoll mill-Istat ta' esekuzzjoni.

2. L-Istat emittenti biss jista' jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għal reviżjoni tas-sentenza li timponi l-piena li trid tiġi infurzata taħt din id-Deċiżjoni Qafas.

*Artikolu 20*

**Informazzjoni mill-Istat emittenti**

1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li bħala riżultat tagħha l-piena tieqaf, milli tibqa' infurzabbli minnufih jew f'perijodu ta' żmien determinat.

2. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha ttemm l-infurzar tal-piena hekk kif tiġi infurmata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti dwar id-deċiżjoni jew miżura imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 21*

**Informazzjoni li għandha tingħata mill-Istat ta' esekuzzjoni**

L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub:

(a) dwar it-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat lill-awtorità kompetenti responsabbli mill-esekuzzjoni tiegħu skond l-Artikolu 5(5);

(b) dwar il-fatt li fil-prattika hu impossibbli li tiġi infurzata l-piena wara t-trasmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' esekuzzjoni, il-persuna sentenzjata ma tistax tinstab fit-territorju ta' l-Istat ta' esekuzzjoni, f'liema każ ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu ta' l-Istat ta' esekuzzjoni biex jinforza l-piena;

(c) dwar id-deċiżjoni finali biex tiġi rikonoxxuta s-sentenza u tiġi infurzata l-piena inkluża flimkien mad-data tad-deċiżjoni;

(d) dwar kwalunkwe deċiżjoni li ma tiġix rikonoxxuta s-sentenza u ma tkunx infurzata l-piena skond l-Artikolu 9, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(e) dwar kwalunkwe deċiżjoni għall-adattament tal-piena skond l-Artikolu 8(2) jew (3), flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(f) dwar kwalunkwe deċiżjoni biex ma tiġix infurzata s-sentenza għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 19(1) flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(g) dwar il-bidu u t-tmiem tal-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, meta dan hu indikat fiċ-ċertifikat mill-Istat emittenti;

(h) dwar il-ħarba tal-persuna sentenzjata mill-kustodja;

(i) dwar l-infurzar tal-piena hekk kif tiġi kompletata.

*Artikolu 22*

**Konsegwenzi tat-trasferiment tal-persuna sentenzjata**

1. Soġġett għall-paragrafu 2, l-Istat emittenti ma jkompli bl-infurzar tal-piena ladarba l-infurzar tagħha fl-Istat ta' esekuzzjoni jkun beda.

2. Id-dritt li tiġi infurzata l-piena għandu jerġa' jsir ta' l-Istat emittenti hekk kif jiġi infurmat mill-Istat ta' esekuzzjoni dwar in-nuqqas ta' infurzar parzjali tal-piena skond l-Artikolu 21(h).

*Artikolu 23*

**Lingwi**

1. Iċ-ċertifikat għandu jiġi tradott għal-lingwa uffiċjali jew għal waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat ta' esekuzzjoni. Kwalunkwe Stat Membru jista' fl-addozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas jew aktar tard, jistqarr permezz ta' dikjarazzjoni depożitata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li huwa ser jaċċetta traduzzjoni f'waħda jew iżjed mil-lingwi uffiċjali l-oħrajn ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, m'għandha tkun meħtieġa l-ebda traduzzjoni tas-sentenza.

3. Kwalunkwe Stat Membru jista', fl-addozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas jew aktar tard, f'dikjarazzjoni depositata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jiddikjara, li hu, bħala l-Istat ta' esekuzzjoni, jista' mingħajr dewmien wara li jirċievi s-sentenza u ċ-ċertifikat, jitlob, fil-każ li jsib il-kontenut taċ-ċertifikat insuffiċjenti jiddeċiedi dwar l-infurzar tal-piena, li s-sentenza jew parti essenzjali minnha tkun akkupanjata minn traduzzjoni għal-lingwa uffiċjali jew għal waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat ta' esekuzzjoni jew għal waħda jew aktar lingwi uffiċjali oħra ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni EwropeaE. Tali talba għandha ssir, wara konsultazzjoni, fejn meħtieġ, biex jiġu indikati l-partijiet essenzjali tas-sentenzi li jridu jiġu tradotti, bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru emittenti u dak ta' esekuzzjoni.

Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena tista' tiġi posposta sakemm ma tiġi trasmessa t-traduzzjoni mill-Istat emittenti lill-Istat ta' esekuzzjoni jew, fejn l-Istat ta' esekuzzjoni jiddeċiedi li jittraduċi s-sentenza spejjeż tiegħu, sakemm ma tinkiseb it-traduzzjoni.

*Artikolu 24*

**Spejjeż**

L-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jitħallsu mill-Istat ta' esekuzzjoni, ħlief għall-ispejjeż tat-trasferiment tal-persuna sentenzjata lejn l-Istat ta' esekuzzjoni u dawk li jirriżultaw esklussivament fit-territorju sovran ta' l-Istat emittenti.

*Artikolu 25*

**Infurzar ta' sentenzi wara mandat ta' arrest Ewropew**

Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas għandhom japplikaw, *mutatis mutandis* sal-punt li huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet taħt dik id-Deċiżjoni Qafas, għall-infurzar ta' pieni f'każijiet fejn Stat Membru jieħu r-responsabbiltà li jinforza s-sentenza f'każijiet skond l-Artikolu 4(6) ta' dik id-Deċiżjoni Qafas, jew fejn, waqt li jaġixxi taħt l-Artikolu 5(3) ta' dik id-Deċiżjoni Qafas, ikun impona il-kondizzjoni li l-persuna sentenzjata trid tintbagħat lura biex tiskonta l-piena fl-Istat Membru kkonċernat, sabiex tiġi evitata l-impunità tal-persuna kkonċernata.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 26*

**Relazzjoni ma' ftehim u arranġamenti oħrajn**

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom bejn L-Istati Membri u Stati terzi u l-applikazzjoni transitorja tagħhom skond l-Artikolu 28, din id-Deċiżjoni Qafas għandha, mill-5 ta' Diċembru 2011 tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet li ġejjin korrispondenti tal-konvenzjonijiet applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri:

— Il-Konvenzjoni Ewropea dwar, it-trasferiment ta' persuni sentenzjati tal-21 ta' Marzu 1983 u l-Protokoll Addizzjonali tagħha tat-18 ta' Diċembru 1997;

— Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Validità Internazzjonali ta' Ġudizzji Kriminali tat-28 ta' Mejju 1970;

— It-Titolu III, Kapitolu 5 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni;

— il-Konvenzjoni bejn l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-Infurzar tas-Sentenzi Kriminali Barranin tat-13 ta' Novembru 1991.

2. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali li jkunu fis-seħħ wara is-27 ta' Novembru 2008, sakemm dawn jippermettu li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas jiġu estiżi jew imwessa' u jgħinu sabiex jiġu simplifikati jew aġevolati iktar il-proċeduri għall-infuzar tal-pieni.

3. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali wara il-5 ta' Diċembru 2008 sakemm tali ftehim jew arranġamenti jippermettu li d-dispożizzjonijet ta' din id-Deċiżjoni Qafas jiġu estiżi jew imkabbra u jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għall-infurzar ta' pieni.

4. L-Istati Membri għandhom, sal-5 ta' Marzu 2009 jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi ftehim u arranġamenti eżistenti msemmija fil-paragrafu 2 li huma jixtiequ jkomplu japplikaw. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kunsill u l-Kummissjoni bi kwalunkwe ftehim jew arranġament ġdid kif imsemmi fil-paragrafu 3, fi żmien tliet xhur minn meta jiġi ffirmat.

*Artikolu 27*

**Applikazzjoni territorjali**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għall-Ġibilta'.

*Artikolu 28*

**Dispożizzjoni transitorja**

1. Talbiet riċevuti qabel il-5 ta' Diċembru 2011 għandhom jibqgħu jiġu rregolati skond l-istrumenti legali eżistenti dwar it-trasferiment ta' persuni sentenzjati. Talbiet li jaslu wara dik id-data għandhom jiġu rregolati minn regoli adottati mill-Istati Membri skond din id-Deċiżjoni Qafas.

2. Madankollu, kwalunkwe Stat Membru jista', fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jagħmel dikjarazzjoni fejn jindika li, f'każijiet fejn is-sentenza finali tkun ġiet mogħtija qabel id-data li tispeċifika, bħala Stat emittenti u ta' esekuzzjoni, hu jkompli japplika l-istrumenti legali eżistenti dwar it-trasferiment ta' persuni sentenzjati applikabbli qabel il-5 ta' Diċembru 2011. Jekk issir tali dikjarazzjoni, dawk l-istrumenti għandhom japplikaw f'tali każijiet fir-rigward ta' l-Istati Membri l-oħra kollha irrispettivament minn jekk ikunux għamlu l-istess dikjarazzjoni jew le. Id-data in kwistjoni ma tistax tkun aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2011. Id-dikjarazzjoni msemmija għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin.

*Artikolu 29*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijet ta' din id-Deċiżjoni Qafas sal-5 ta' Diċembru 2011.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Qafas. Abbażi ta' rapport imfassal bl-użu ta' din l-informazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu, mhux aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2012, jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jkunu konformi mad-dispożizzjonijet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

3. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bin-notifiki jew bid-dikjarazzjonijiet magħmula skond l-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 23(1) jew (3).

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Stat Membru li jkun esperjenza diffikultajiet ripetuti fl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 25 ta’ din id-Deċiżjoni Qafas, li ma jkunux ġew solvuti permezz ta’ konsultazzjonijiet bilaterali, għandu jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-diffikultajiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta’ din l-informazzjoni u ta’ kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli għaliha, tistabbilixxi rapport, akkumpanjat minn kwalunkwe inizjattiva li tista’ tqis adatta, bil-ħsieb li jiġu solvuti dawn id-diffikultajiet.

5. Sal-5 ta’ Diċembru 2013, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport abbażi ta’ l-informazzjoni riċevuta, akkumpanjat minn kwalunkwe inizjattivi li tista’ tikkunsidra xierqa. Il-Kunsill għandu abbażi ta’ kwalunkwe rapport mill-Kummissjoni u kwalunkwe inizjattiva, jirrevedi, b’mod partikolari l-Artikolu 25, bil-ħsieb tal-konsiderazzjoni jekk dan għandux jiġi sostitwit b’dispożizzjonijiet aktar speċifiċi.

*Artikolu 30*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 27 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

*ANNESS I*

## ĊERTIFIKAT

**imsemmi fl-Art. 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li dawn jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea** (1)

(a) * Stat Emittenti: ..............................

* Stat Emittenti: ..............................

(b) Il-qorti li tat is-sentenza li timponi l-piena li saret finali:

Isem uffiċjali: ..............................

Is-sentenza ngħatat fi (agħti d-data: jj-xx-ssss): ..............................

Is-sentenza saret finali fi (agħti d-data: jj-xx-ssss): ..............................

Numru ta' referenza tas-sentenza (jekk disponibbli): ..............................

(c) Informazzjoni relatata ma' l-awtorità li magħha jista' jsir kuntatt għal kwalunkwe mistoqsija relatata maċ-ċertifikat:

1. Tip ta' awtorità: Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti:

   ☐ Awtorità ċentrali ..............................

   ☐ Qorti ..............................

   ☐ Awtorità oħra ..............................

2. Dettalji ta' kuntatt ta' l-awtorità indikata taħt punt (c) 1:

   Isem uffiċjali: ..............................

   ..............................

   Indirizz: ..............................

   ..............................

   Nru tat-tel. (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ..............................

   Nru tal-fax (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt) ..............................

   Indirizz tal-posta elettronika (jekk disponibbli): ..............................

3. Lingwi li bihom tista' ssir komunikazzjoni ma' l-awtorità:

4. Dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i li magħha/magħhom għandu jsir kuntatt biex tinkiseb informazzjoni addizzjonali għall-finijiet ta' l-infurzar tas-sentenza jew ta' ftehim dwar il-proċeduri ta' trasferiment (isem, titolu/grad, Nru tat-tel.., Nru tal-fax, indirizz tal-posta elettronika), jekk differenti minn 2: ..............................

   ..............................

   ..............................

(1) Dan iċ-ċertifikat għandu jinkiteb, jew jiġi tradott, f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni jew fi kwalunkwe lingwa oħra aċċettata minn dak l-Istat.

(d) Informazzjoni dwar il-persuna li fuqha ġiet imposta l-piena:

Isem: ...............................................................................

Isem/ismijiet: ...............................................................................

Kunjom ta' xebba, jekk: ...............................................................................

Psewdonimi, fejn applikabbli: ...............................................................................

Sess: ...............................................................................

Nazzjonalità: ...............................................................................

Numru ta' l-identità jew numru tas-sigurtà soċjali (jekk disponibbli): ...............................................................................

Data tat-twelid: ...............................................................................

Post tat-twelid: ...............................................................................

L-aħħar indirizzi/residenzi magħrufa: ...............................................................................

Lingwa/i li l-persuna tifhem (jekk magħrufa): ...............................................................................

...............................................................................

Il-persuna sentenzjata tinsab:

☐ fl-Istat emittenti u għandha tiġi trasferita għall-Istat ta' esekuzzjoni.

☐ fl-Istat ta' esekuzzjoni u l-infurzar għandu jseħħ f'dak l-Istat.

Informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta, jekk disponibbli u jekk ikun il-każ:

1. Ritratt u marki tas-swaba' tal-persuna, u/jew id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna li magħha għandu jsir kuntatt sabiex tinkiseb tali informazzjoni:

   ...............................................................................

2. Tip u numru ta' referenza tal-karta ta' l-identità jew tal-passaport tal-persuna sentenzjata:

   ...............................................................................

3. Tip u numru ta' referenza tal-karta ta' l-identità jew tal-passaport tal-persuna sentenzjata:

   ...............................................................................

4. Informazzjoni rilevanti oħra r-rabtiet familjari, soċjali u professjonali tal-persuna sentenzjata ma' l-Istat ta' esekuzzjoni:

   ...............................................................................

   ...............................................................................

(e) Talba għal arrest proviżorju mill-Istat emittenti (meta l-persuna sentenzjata tkun tinsab fl-Istat ta' esekuzzjoni):

☐ L-Istat emittenti jitlob lill-Istat ta' esekuzzjoni biex jarresta lill-persuna sentenzjata, jew biex jieħu kwalunkwe miżura oħra biex jiżgura li l-persuna sentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu, sakemm ikun hemm deċiżjoni li tirrikonoxxi u tinforza l-piena.

☐ L-Istat emittenti diġà talab lill-Istat ta' esekuzzjoni biex jarresta lill-persuna sentenzjata, jew biex jieħu kwalunkwe miżura oħra biex jiżgura li l-persuna sentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu, sakemm ikun hemm deċiżjoni biex il-piena tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jekk jogħġbok ipprovdi l-isem ta' l-awtorità fl-Istat ta' esekuzzjoni li ħadet id-deċiżjoni dwar it-talba biex tiġi arrestata l-persuna (Jekk applikabbli u disponibbli):

...............................................................................

...............................................................................

...............................................................................

(f) Relazzjoni ma' kwalunkwe Mandat ta' Arrest Ewropew preċedenti:

☐ Inħareġ MAE bil-għan ta' l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni u l-Istat Membru ta' esekuzzjoni jimpenja ruħu li jesegwixxi l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni (Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE).

Data ta' l-emissjoni tal-MAE u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza:

..............................................................................................................................................................

Isem ta' l-awtorità li ħarġet il-MAE: ..............................................................................................................

Data tad-deċiżjoni biex titwettaq l-esekuzzjoni u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza:

..............................................................................................................................................................

Isem ta' l-awtorità li ħarġet id-deċiżjoni biex titwettaq l-esekuzzjoni tal-piena:

..............................................................................................................................................................

☐ Inħareġ MAE bil-għan tal-prosekuzzjoni ta' persuna li hija ċittadin jew resident ta' l-Istat ta' esekuzzjoni u l-Istat ta' esekuzzjoni ċeda l-persuna bil-kondizzjoni li l-persuna tittreġġa' lill-Istat ta' esekuzzjoni sabiex isservi hemm il-piena ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni maħruġa kontriha fl-Istat Membru emittenti (Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE).

Data tad-deċiżjoni ta' ċediment tal-persuna: ..............................................................................................................

Isem ta' l-awtorità li ħarġet id-deċiżjoni ta' ċediment: ..............................................................................................

Numru ta' referenza tad-deċiżjoni, jekk disponibbli: ......................................................................................................

Data taċ-ċediment tal-persuna, jekk disponibbli: ...........................................................................................................

(g) Raġunijiet għat-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat (jekk mlejt il-kaxxa (f), m'hemmx bżonn timla' din il-kaxxa):

Is-sentenza u ċ-ċertifikat huma trasmessi lill-Istat ta' esekuzzjoni għax l-awtorità emittenti hija sodisfatta li l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' esekuzzjoni jissodisfa l-għan tal-faċilitazzjoni tar-rijabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata u:

☐ (a) L-Istat ta' esekuzzjoni huwa l-Istat taċ-ċittadinanza tal-persuna sentenzjata li fih hi tgħix.

☐ (b) L-Istat ta' esekuzzjoni huwa l-Istat taċ-ċittadinanza tal-persuna sentenzjata, li fih i l-persuna sentenzjata ser tiġi deportata, ladarba hi tiġi rilaxxata mill-infurzar tal-piena abbażi ta' ordni ta' espulsjoni jew deportazzjoni inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra meħuda b'riżultat tas-sentenza. Jekk l-ordni ta' espulsjoni jew deportazzjoni mhix inkluża fis-setenza, jekk jogħġbok ipprovdi l-isem ta' l-awtorità li ħarġet l-ordni, id-data tal-ħruġ, u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza: ..............................

☐ (c) L-Istat ta' esekuzzjoni huwa Stat, minbarra Stat imsemmi f' a) jew b), l-awtorità kompetenti ta' liema tagħti kunsens għat-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat lil dak l-Istat.

☐ (d) L-Istat ta' esekuzzjoni ta notifika taħt l-Artikolu 4(7) tad-Deċiżjoni Kwadru, u:

☐ huwa kkonfermat li, sa fejn taf l-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti, il-persuna sentenzjata tgħix u kienet kontinwament residenti legalment għal mill-anqas ħames snin fl-Istat ta' esekuzzjoni u ser iżżomm dritt permanenti ta' residenza f'dak l-istat, jew

☐ huwa kkonfermat li l-persuna sentenzjata għandha ċ-ċittadinanza ta' l-Istat ta' esekuzzjoni.

(h) Sentenza li timponi l-piena:

1. Is-sentenza tkopri ...................... reati b'kollox.

Taqsira tal-fatti u deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq/twettqu r-reat(i), inkluż il-ħin u l-post; u n-natura ta' l-involviment tal-persuna sentenzjata:

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

In-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat(i) u d-dispożizzjonijiet statutorji applikabbli abbażi ta' liema saret is-sentenza:

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

2. Safejn ir-reat(i) identifikat(i) taħt il-punt (h) 1 jikkostitwixxi/u wieħed mir-reati li ġejjin jew iżjed, kif definit fil-liġi ta' l-Istat emittenti, li huma punibbli fl-Istat emittenti b'piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' mill-inqas tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma billi timmarka l-kaxxa/i rilevanti:

☐ parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;

☐ terroriżmu;

☐ traffikar ta' bnedmin;

☐ sfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografija bi tfal;

☐ traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi;

☐ traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi;

☐ korruzzjoni;

☐ frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej skond it-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;

☐ laundering tar-rikavati minn kriminalità;

☐ falsifikazzjoni ta' muniti, inkluż l-ewro;

☐ reati konnessi ma' l-informatika;

☐ reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu li jinqerdu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-perikolu li jinqerdu;

☐ faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati;

☐ omiċidju, offiża gravi fuq persuna;

☐ kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani;

☐ ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi;

☐ razziżmu u ksenofobija;

☐ serq organizzat jew bl-użu ta' armi;

☐ traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri ta' l-arti;

☐ imbrolji;

☐ racketeering u estorsjoni;

☐ falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti;

☐ falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom;

☐ falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament;

☐ traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi tat-tkabbir oħrajn;

☐ traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi;

☐ traffikar ta' vetturi misruqin;

☐ stupru;

☐ inċendju volontarju;

☐ reati li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

☐ ħtif illegali ta' inġenji ta' l-ajru/ta' bastimenti;

☐ sabotaġġ.

3. Safejn ir-reat(i) identifikat(i) fil-punt 1 mhux kopert(i) mill-punt 2 jew jekk is-sentenza u ċ-ċertifikat huma trasmessi lill-Istat Membru, li jkun iddikjara li ser jivverifika l-kriminalità doppja (Artikolu 7(4) tad-Deċiżjoni Qafas), jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni sħiħ tar-reat(i) kkonċernat(i):

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

(i) Status tas-sentenza li timponi l-piena:

1. Indika jekk is-sentenza ngħatatx in absentia:

☐ Le, ma kinitx.

☐ Iva, kienet; huwa kkonfermat li:

☐ il-persuna kienet infurmata personalment, jew permezz ta' rappreżentant kompetenti skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat emittenti, dwar il-ħin u l-post tal-proċedimenti li wasslu għas-sentenza in absentia jew

☐ il-persuna indikat lil awtorità kompetenti li ma tikkontestax id-deċiżjoni.

2. Dettalji tat-tul tas-sentenza:

2.1. Tul totali tal-piena (f'jiem): ..........

2.2. Il-perijodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà li huwa diġà skontat b'konnessjoni mal-piena fir- rigward ta' liema nħarġet is-sentenza (f'jiem): ..........

fi (…) (agħti d-data li fiha sar il-kalkolu: jj-xx-ssss): ..........

2.3. Numru ta' jiem li għandhom jitnaqqsu mit-tul totali tal-piena għal raġunijiet oħra minbarra dawk imsemmija fi 2.2. (per eżempju, amnestiji, maħfriet jew klemenzi eċċ. diġà: .......... mogħtija fir-rigward tal-piena): .......... fi (…) (agħti d-data li fiha sar il-kalkolu: jj-xx-ssss): ..........

2.4. Data ta' l-iskadenza tal-Piena fl-Istat emittenti:

☐ Mhux applikabbli, għax il-persuna bħalissa mhix f'kustodja

☐ Il-persuna hija attwalment f'kustodja u l-piena, taħt il-liġi ta' l-Istat emittenti, tkun kompletament skontata sa (agħti d-data: jj-xx-ssss) (1): ..........

3. Tip ta' piena:

☐ sentenza ta' kustodja

☐ miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (jekk jogħġbok speċifika):

..........

(j) Informazzjoni relatata ma' rilaxx kmieni jew kondizzjonali:

1. Taħt il-liġi ta' l-Istat emittenti l-persuna sentenzjata hija intitolata għal rilaxx kmieni jew kondizzjonali wara li tkun skontat:

☐ nofs is-sentenza

☐ żewġ terzi tas-sentenza

☐ proporzjoni ieħor tas-sentenza (jekk jogħġbok indika):

2. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti titlob li tkun infurmata dwar

☐ Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi ta' l-Istat ta' esekuzzjoni dwar ir-rilaxx kmieni jew kondizzjonali tal-persuna sentenzjata;

☐ Il-bidu u t-tmiem tal-perijodu ta' rilaxx kmieni jew kondizzjonali.

(1) Jekk jogħġbok daħħal hawn id-data sa liema l-piena tkun kompletament skontata (mingħajr ma jittieħed kont tal-possibbiltajiet ta' kwalunkwe forma ta' rilaxx kmieni u/jew kondizzjonali) kieku l-persuna kellha tibqa' fl-Istat emittenti.

(k) L-opinjoni tal-persuna sentenzjata:

1. ☐ Il-persuna sentenzjata ma setgħatx tinstema' għax diġà tinsab fl-Istat ta' esekuzzjoni.

2. ☐ Il-persuna sentenzjata tinsab fl-Istat emittenti u:

a. ☐ talbet it-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat

☐ kkonsentiet għat-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat

☐ ma kkonsentietx għat-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat (agħti r-raġunijiet mogħtija mill-persuna sentenzjata):

...

...

b. ☐ L-opinjoni tal-persuna sentenzjata hija mehmuża.

☐ L-opinjoni tal-persuna sentenzjata ġiet trasmessa lill-Istat ta' esekuzzjoni fi (agħti d-data: jj-xx-ssss):

...

(l) Ċirkostanzi oħra rilevanti għall-każ (informazzjoni mhux obbligatorja):

...

...

(m) Informazzjoni finali:

It-test tas-sentenza/i huwa/huma mehmuża maċ-ċertifikat ([1]).

Il-firma ta' l-awtorità li tkun qed toħroġ iċ-ċertifikat u/jew ir-rappreżentant tagħha li tiċċertifika l-kontenut taċ-ċertifikat bħala preċiż

...

Isem: ...

Pożizzjoni (titolu/grad) ...

Data: ...

Timbru uffiċjali (jekk disponibbli) ...

([1]) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha tehmeż is-sentenzi kollha relatati mal-każ li huma neċessarji biex ikollha l-informazzjoni kollha dwar is-sentenza finali li trid tiġi infurzata. Kwalunkwe traduzzjoni disponibbli tas-sentenza/i għandha wkoll tiġi mehmuża.

*ANNESS II*

**NOTIFIKA TAL-PERSUNA SENTENZJATA**

Inti b’dan notifikat bid-deċiżjoni ta’ ..................................................... (awtorità kompetenti ta’ l-Istat emittenti) li tittrasmetti s-sentenza ta’ ................ (qorti kompetenti ta’ l-Istat emittenti) bid-data ................ (data tas-sentenza) ............... (numru ta’ referenza; jekk disponibbli) lil ........................................ (Stat ta’ esekuzzjoni) bil-għan tar-rikonoxximent u l-infurzar tiegħu tal-piena imponuta fiha skond il-liġi nazzjonali li timplimenta d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta’ Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku ta’ sentenzi f’materji kriminali li jimponu pieni ta’ kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li dawn jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea,

L-infurzar tas-sentenza ser ikun irregolat mil-liġi ta’ ................................ (Stat ta’ esekuzzjoni). L-awtoritajiet ta’ dak l-Istat ser ikunu kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u biex jiddeterminaw l-miżuri kollha relatati magħhom, inkluż ir-raġunijiet għal rilaxx kmieni jew kondizzjonali.

L-awtorità kompetenti ta’ ...................................................... (Stat ta’ esekuzzjoni) għandha tnaqqas il-perijodu sħiħ ta’ ċaħda tal-libertà diġà skontat b’konnessjoni mal-piena mit-tul totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat. Adattament tal-piena mill-awtorità kompetenti ta’ .................................................................. (Stat ta’ esekuzzjoni) jista’ jseħħ biss jekk dan ikun kompatibbli mal-liġi ta’ dak l-Istat f’termini tat-tul jew in-natura tiegħu. Il-piena adattata m’għandhiex taggrava l-piena mogħtija fi ......................................................................................... (Stat emittenti) bin-natura jew it-tul tagħha.

## CORRIGENDUM

**Rettifika għad-Direttiva tal-Kunsill 93/92/KEE tad-29 ta' Ottubru 1993 li għandha x'taqsam ma' l-ispazju għall-immuntar tal-pjanca tar-registrazzjoni ta' wara ta' vetturi b'żewg jew tliet roti**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 311, 14 ta' Diċembru 1993) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 07 Volum 002 p. 119-193)*

F'paġna 50, Anness V, punt 6.1.10:

*minflok:* "6.1.10. *Telltale ta' cirkuwitu magħluq*: mhux obbligatorju.":

*aqra:* "6.1.10. *Telltale ta' cirkuwitu magħluq*: obbligatorju.".

F'paġna 52, Anness VI, punt 6.3.10:

*minflok:* "6.3.10. *Telltale għat-tħaddim: mhux obbligatorju.*":

*aqra:* "6.3.10. *Telltale għat-tħaddim: obbligatorju.*".

F'paġna 63, Anness VI, punt 6.1.10:

*minflok:* "6.1.10. *Telltale ta' cirkuwitu magħluq*: mhux obbligatorju.":

*aqra:* "6.1.10. *Telltale ta' cirkuwitu magħluq*: obbligatorju.".

F'paġna 65, Anness VI, punt 6.3.10:

*minflok:* "6.3.10. *Telltale għat-tħaddim:* mhux obbligatorju.":

*aqra:* "6.3.10. *Telltale għat-tħaddim: obbligatorju.*".

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.